" IX - ~~XHIED~~A XHUD TAL - PROSEKUZJONI "

Queries Victor Tedesco.

Knife carried away by Prosecutor.

Victor Tedesco →

Vanni too loose on stage

P. 4-5 mistake

# " I X - X H I E D A  T A L - P R O S E K U Z Z J O N I "

Addattament Radjofoniku

Ta'

CHARLES ATTARD

mill-Play " WITNESS FOR THE PROSECUTION "

Ta'

AGATHA CHRISTI.

---

JIEHDU SEHEM:

CARTER, Segretarju ta' Sir Wilfrid . . . . . . . . . . .
GRETA, Segretarja ta' Sir Wilfrid . . . . . . . . . . .
LEONARD VOLE, l-Imputat. . . . . . . . . . . .
JOHN MAYHEW, Avukat . . . . . . . . . . .
SIR WILFRID ROBARTS, Avukat . . . . . . . . . . .
INSPECTOR ROBERT HEARNE, C.I.D. . . . . . . . . . . .
ROMAINE HEILGER, Mart Leonard Vole . . . . . . . . . . .
REGISTRATUR . . . . . . . . . . .
MR. MYERS, Prosekutur . . . . . . . . . . .
PRESIDENT . . . . . . . . . . .
WARDER . . . . . . . . . . .
PURTIER . . . . . . . . . . .
PULIZIJA . . . . . . . . . . .
DR. WYATT. . . . . . . . . . . .
MISS JANET MACKENZIE, Governanti . . . . . . . . . . .
THOMAS CLEGG, Assistent Patologista . . . . . . . . . . .
PRIM ĠURAT . . . . . . . . . . .

ĠURATI, PULIZIJA U PUBLIKU.

- - - - - - - - - - - - - -

Din il-Play giet maqluba ghal Malti bil-permess ta' Messrs. Samuel French, Ltd.

Il-final jista' jsir b'zewg modi, wiehed kif mill-Awtriċi, Agatha Christi u l-iehor kif gie mibdul ghas-semmiegha lokali.

Charles Attard.

5 ta' Mejju, 1959.

"IX-XHIEDA TAL-PROSEKUZZJONI"

RADJODRAMM

TA'

CHARLES ATTARD.

Addattat ghax-Xandir mill-play

"WITNESS FOR THE PROSECUTION"

TA'

AGATHA CHRISTI.

MUZIKA: . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

Hoss: (Telephone -Jintrefa' r-receiver)

Carter: Hullo... Hawn, id-dar ta' Sir Wilfrid Roberts. Huwa int, Charles....Le, Sir Wilfrid qieghed il-Qorti, nahseb li jdum ftit iehor ma jasal. Iva. Il-każ ta' Shuttleworth. Le, le...il-lejla ma jistax ikun, ghandu hafna nies. Jekk trid naghmillek appuntament ghal ghada. Le, il-lum, ma jistax jkun...Qeghdin nistennew lil Mr. Mayhew minn minuta ghall-ohra... Ciao.

Hoss: (Jitqieghed ir-receiver f'loku - Tahbita rqiqa.)

Ghaddi.

Greta : Inlesti t-te, Mr. Carter?

Carter: Ghadu l-hin, Greta.

Greta : Fl-arlogg tighi sar il-hin.

Carter: L-arlogg tighek hazin.

Greta : Irregolajtu mal-B.B.C.

Carter: Allura l-B.B.C. hazin.

Greta : Nismaghhom jghidu li l-B.B.C. ma jiehux zball.

Carter: Greta, dan l-arlogg kien ta' missieri...Kemm ilu ghandi, la qatt mar il-quddiem u anqas mar l-ura...Il-lum, agur li ma jsirux arloggi bhal dan. Greta, taf li f'din l-ittra li ghadek kemm ittajpjajt, ghamilt zball?

Greta : Le, ma nafx.

Carter: Kieku xi darba ma tiehux zball...Hallejt kelma barra.

Greta : U iva, kelma wahda... M'Hux kullhadd jista' jiehu zball?

Carter: Il-kelma li hallejt barra hija mportanti hafna...minghajra tibdel is-sens kollu.... Erga' jttajpja mill-gdid ...

(Jinstema' iqatta' l-ittra.)

Insejtu l-każ ta' Bryant u Horsfall? Minhabba t-traskuragni tat-tajpista, f'dak it-testment.....

Greta : Kienu tqassamu xi flus bi żball...Iva, niftakar.

Carter: U l-iżżell ma setghax jiesewwa ghaliex hekk kienhemm miktub.

Greta : Traskuragni.

Carter: El-ufficcji ta' l-Avukati m'ghandux ikun hemm traskuragni. Il-Ligi hija haga serja u ghandha titqies bhala tali. Greta, ftit minuti ohra, ghandhom jaslu, Mr. Mayhew u Mr. Leonard Vole.

Greta : (Sorpriża) Leonard Vole? Dak stess li qrajna fuqu fil-gazzetta?

Carter: Greta issa sar il-hin ghat-te.

Greta : Mr. Vole gie mitlub biex jikkomunika mal-Pulizija... Jahsbu li dan jista' jtihom taghrif siewi.

Carter: Greta, ghedtlek mur lesti t-te.

Greta : Anqas ilu xejn....

Carter: Greta!....

Greta : Ghandek ragun... Halli mmur nlesti t-te.

Hoss: ( Passi - bieb jinfetah u jinghalaq.)

Carter: Dat-tfajliet, m'hemmx aghar minnhom....Mohhom biss fin-nies....Jekk nibqghu nahdmu bihom, ma nafx fejn sejrin naslu.

Hoss: (Bieb jinfetah)

Greta : (Thabbar) Mr. Carter, waslu Mr. Mayhew u Mr. Vole.

Carter: Jghaddu, jghaddu.

Vole : Good afternoon.
Mayhew

(takes Vole's hat & hangs them outside door.)

Carter: Good afternoon.... Oqoghodu bilqeghda. Sir Wilfrid dalwaqt ikun hawn. Qed jkun ma' l-Imhallef Banter ma tghidx x'hin jispicca.

Mayhew: Nibza li l-appuntament taghna ma tantx sar f'hin tajjeb, imma ma stajniex nistennew iżjed, il-hin ghalina huwa prezzjus.

Carter: Ghandkhom ragun, imma oqoghodu bilqegheda... ~~Greta ara asssinduri jiehdux xikkra te.~~

Greta : ~~Ingilfilkhom, Mr. Mayhew?~~ Nsajjarilhom kikkra te? ghadni kif ghamiltu?

Mayhew: Jiena ma niehux, grazzi, int, Mr. Vole?

Vole : Jiena ma nghidx le.... grazzi. Sorry.

Mayhew: Oqoghod bilqegheda, Mr. Vole.

Vole : Emmuni, m'ghandix sabar, dan il-każ ghamilni nervuż ghal kollox. Ghadni ma nistax nemmen l-qaghada li ninsab fiehe. Nisthajjilni qieghed f'xi holma.

Mayhew: Kull min jigrilu bhalek, hekk ihoss.

Vole : Dak li jrrid nghid huwa li dan il-każ huwa tad-dahq.

Mayhew: Tad-dahq?

Vole : Iva... Irrid infisser li jien dejjem kont migjub minn-nies. Jien mmur tajjeb ma' kullhadd, qatt ma kelli x'inghid ma' hadd. X'tahseb, int, Mr. Mayhew? Tahseb li jkun kollox sewwa? M'ghandix nahqeb li f'dan il-pajjiż, wiehed jigi jkkastigat ghal haga li m'ghamilx.

Mayhew: Fl-opinjoni tighi l-Ligi Ingliża, hija l-aktar wahda retta li hawn fid-dinja., *sits down.*

Vole : M'ghandniex x'inghidu... kien hemm dak il-każ ta'... X'kien jismu? Adolf Beck...Ilbiersh_tlura kont qed naqra fuqu. Wara li kien ilu hafna l-habs, sabu li ma kienx hati, sabu li kien wiehed minflok iż-żaghżugh Smith...imbaghad hafrulu... Dan, ghalija, ma jidhirlix li hu sewwa...Jahfrulek haga li ghint m'ghamiltx.

Mayhew: L-importanti hu li Beck jinsab hieles.

Vole : Imma x'kien jigri li kieku lahqu qatluh... Kien ikun tard wisq, hux veru? Kien ikun tghalleq bla htija.

Mayhew: Mr. Vole, nahseb li taghmel tajjeb jekk ma teqoghodx tahseb fuq dan.

Vole : Fil-qaghda tighi ma tantx nista' nahseb f'hag'ohra.

Mayhew: Allura nitolbok li jżżom ruhek kalm.....Sir Wilfrid Roberts dal-waqt ikun hawn...Jien irridek tirrakkuntalu kollox sewwa sew kif irrakkuntajt lili.

Vole : Naghmel li tghidli.

Mayhew: Sa dak jigi irridek ittini xi dettalji ....Fil-preżent, jekk ma niżbaljax, int m'inthix tahdem, hux hekk?

Vole : (Mifxul) Iva.... imma...jien ghandi xi haga tal-flus imma jien ghandi xi haga tal-flus imfaddla...m'hux wisq, niftehemu... b'dan kollu, jekk jirnexxilek tehlisna minn dil-bixla, inhallsek tajjeb.

Mayhew: M'hux dwar il-hlas qed nitkellem...Jien nixtieq inkun naf l-istorja kollha...Iċ-ċirkostanzi li tinsab fihom...Kemm ilek bla xoghol?

Vole : M'hux wisq... ftit xhur.

Mayhew: X'kont taghmel qabel ma qajt qieghed?

Vole : Kont ma' ditta tal-karrozzi bhala mekkanik.

Mayhew: U kemm kont ilek ma' did-ditta?

Vole : Xi tliet xhur.

Mayhew: Imbaghad... baghatuk?

Vole : Le...jien kont tlaqt... Kelli x'inghid mal Foreman. Ma flahtx nistapertieh iżjed...Kien dejjem mohhu f'haddiehor. Ma kien itini chance ta' xejn.

Mayhew: U qabel ma dhalt ma' din id-ditta, fejn kont tahdem?

Vole : Kelli f'idejja pompa tal-petrol, imma hawn anqas stajt inkompli ghaliex sibt ruhi f'qaghda kerha hafna....Kelli nitlaq hin bla waqt.

Mayhew: Qaghda kerha? Ghaliex?

Vole : Għaliex it-tifla tal-principal kienet ħadet grazzje miegħi; billi din kienet iżgħar minni biċċa sewwa, jien ma kontx intiċha wiċċ. Din, qalet lil missierha u dan beda jurini ħafna wċuħ koroh sakemm fl-aħħar qalli biex insib post ieħor....Dan, ma kienx mill-agħar...sakemm qalli dawn il-kelmiet, qagħadt attent ħafna, imbagħad, qabel tlaqt, tagħni xi ħaġa tal-flus barranija. Qabel ma dħalt ma dan is-sinjur, kont inbiegħ l-Egg beaters u ta' dan kont nieħu kummissjoni fuq il-bejgħ. (Siegħu)

Mayhew: Kompli.

Vole : Nistħajlek tgħidli li jien ma nsadd(?)at imkien...Xi ftit, għandek raġun, imma taħsibx li jien xi bniedem li m'għandi kwiet imkien. Meta spiċċajt mill-army, kont sibt ruħi qiegħi sigra nixxejjer mar-rieħ...Kont il-Ġermanja u hemm kont ngħix tajjeb ħafna. Hemm kont iltqajt mal-mara li għandi...Il-mara tiegħi hija attriċi...Mindu ġejt hawn, inħoss li ma nistax nistabilixxi ruħi sewwa...Jien stess ma nafx x'irrid nagħmel... L-iktar li nħobb naħdem, fil-karrozzi... Xogħol interessanti, m'hux hekk?

Hess: ( Bieb jinfetaħ)

Sir Wilfrid: ~~Hullo~~ X'hemm, John.

Mayhew: Sir Wilfrid!...

Wilfrid Qallek Carter li kont il-Qorti?

Mayhew: Iva.

Wilfrid Dan hu Mr. Vole?

Mayhew: Iva... Mr. Leonard Vole.

Vole ~~Wilfrid~~ Kif int, Sir Wilfrid?

Wilfrid Tajjeb, grazzi. Qgħod bilqegħda. Allura, John, kulħadd tajjeb? (Crosses to Carter + changes coat + tie.)

Mayhew Molly kellha xi ftit ta' l-influenza.

Wilfrid: Hażin.. hażin ħafna.

Mayhew Iva... Din, wara, tħallik dgħajjef ħafna...Allura, irbaħnieha l-kawża?

Wilfrid Iva... Għandi l-unur ngħidlek li rbaħtha.

Mayhew Int tħoss sodisfazzjon kbir meta tirbaħ rebbieħ fuq Myers, veru?

Wilfrid (Crosses to mirror) Jien nħoss sodisfazzjon f'kull kawża li nirbaħ, John.

Mayhew Imma, l-aqwa, meta l-glieda tkun bejnek u bejn Myers.

Wilfrid Iva, sewwa qed tgħid...Myers huwa bniedem nabbiexi...Lili, jitilifni minn sensija u allura jien nagħmel ħilti biex inwaqqgħu.

Mayhew Taħseb l-int ma timbxux ukoll? Int qatt ma tħallieh itemm kliemu.

Wilfrid Kif qa għedtlek... bl-imġiebaa tiegħu, jitlifni...B'dan kollu Myers huwa avukat mill-aħjar, imma ħallina minn dan... Tridx nara x'għandna nagħmlu?

Mayhew (Crosses) Iva... Jien ġibt miegħi lil Mr. Vole biex tisma minn għandu il-ġrajja tiegħu...Il-każ tiegħu huwa ftit urġenti.

Wilfrid: Tassew?

Vole : Naħseb li ser nigi arrestat. Billi marthi hija mara ntelliġenti, naħseb li qaltli sewwa.

Wilfrid: Jarrestawk, għaliex? X'għamilt?

Vole : Fuq ~~delitt~~ qtil ~~li ser~~.

Mayhew : Id-delitt li sar fuq Emily French, Sir Wilfrid....Naħseb li qatt qrajt xi ħaġa fuqu.

Wilfrid: Iva. (sits on edge of desk)

Mayhew : Emily French, xebba xiħa, toqgħod f'dar, f'Hampstead. Fil-lejla ta' l-14 ta' Ottubru, għal xil-ħdax ta' billejl, il-Governanti reġgħet l-ura d-dar u rat li xi ħadd kien daħal id-dar u qaleb 'l-kamra fejn kienet Miss French.. Imbagħad sabet lis-sinjura tagħha, mejta, fl-art. Qed ngħid sewwa, Leonard?

Vole : Iva....Delitti bħal dawn, il-lum, saru moda...Ilbieraħtlura, il-gurnali qalu lil-Pulizija jixtiequ jaraw lil Leonard Vole li f'dik il-lejla kien mar iżur lil Miss French, biex jaraw jistax itihom xi ħiel liex jwasslhom jaqbdu l-qattiel. Kif qrajt hekk, jiena mort l-għassa tal-Pulizija u dawn għamluli ħafna mistoqsijiet.

Wilfrid: (Sharply) Għandek issolti twiesija qabel ma bdew jistaqsuk?

Vole : Emminni, ma naħx ngħidlek sewwa. Niftakar li qaluli li jekk nagħmel 'statement', dan jiġi ippreżentat il-Qorti.

Wilfrid: (glances) to Mayhew Intant, issa li hemm, hemm.

Vole : Jien għedtilhom dak li stajt...Huma kienu ġentili ħafna miegħi u deheru li huma sodisfatti b'dak li għedtilhom. Meta, imbagħad wasalt id-dar u għedt lil Romaine, il-mara tiegħi, b'dak li staqsewni, waħħlet f'rasha li l-pulizija qed tissuspetta fija; għalhekk rajt li aħjar inkellem avukat. Jien ġejt għandek, Mr. Mayhew, bil-ħsieb li tgħidli x'għandi nagħmel.

Wilfrid: Mr. Vole, lil Miss French kont tafha? (Moves Chair for Leonard Oqgħod, oqgħod bilqegħda.

Vole : Grazzi. Iva, lil Miss French kont nafha ħafna... Hija kienet twajba miegħi, ngħidlek issew, x'imdaqqiet, kienet iddejjaqni...Kienet moħħha fija...Kienet tħobbni u, emmnuni, meta qrajt fil-gazzetta li qatluha, bqajt qieni miblugħ... Lil Miss French kont inħobba bħal_a ommi.

Mayhew : Għidlu lil Sir Wilfrid kif sirt tafha lil Miss French.

Vole : Kont rajtha l-ewwel darba f'Oxford Street. Waqt li kont għaddej minn hemm, lmaħt mara xiħa, b'xi parcels f'idejha, qegħda taqsam it-triq. Sewwa, sew, meta waslet fin-nofs, waqgħulha xi parcels minn idejha u ippruvat tiġborhom imma fil-ħin, sabet karrozza fuqha. Jien kont ħafif, ġbidtha filġenb,u ġbartilha il-parcels mill-art u wassàtha fuq il-bankina.

Wilfrid: Irringrazzjatek?

Vole : X'jidhirlek... Bdiet tirringrazzjani bid-dmugħ f'għajnejha...

Wilfrid: Tpejjep, Mr. Vole?

Vole : Le, grazzi... ma npejjipx.

Wilfrid: Kompli.

Vele : B'kumbinazjoni, jusejn wara, inzertajt bilqegheda t-teatru, warajha. Harset l-ura u gharftini. M'ghandniex x'inghidu bdejna nitkellmu, imbaghad stednitni biex immur ghandha d dar.

Wilfrid: U int, mort?

Vele : Iva. Hija talbitni biex niffiesa gurnata. Dak il-hin, sthajt nirrifjuta l-istedina u ghalhekk weghedtha li ghandi immur is-Sibt.

Wilfrid: U mort id-dar taghha f'....

Mayhew : F'Hampstead.

Vele : Iva.

Wilfrid: Kont taf xi haga dwar hajjitha meta mort ghandha l-ewwel darba?

Vele : Xi haga zghira li kienet qaltli meta konna ltqajna t-teatru, igifieri li kienet tghix wahidha u li ma kellhiex hbieb wisq.

Wilfrid: Jidhirli li ghedtli li kienet tghix mal-Governanti.

Vele : Iva. Meta ghedtlek li kienet tghix wahidha, riedt infisser li ma kellha lil hadd id-dar minn tal-familja. Mal-Governanti kien hemm ukoll tmien qtates. Id-dar kienet armatajjiet tajjeb hafna... haga wahda kienet iddejqek... ir-rieha ta' dawk il-qtates. (Crosses)

Wilfrid: Minn dak li qaltlek u li rajt b'ghajnejk, stajt tahseb li Miss French kienet mara sinjura?

Vele : Kliemha hekk kien juri.

Wilfrid: U int, liema hi l-qaghda finanzjarja tieghek?

Vele : Hazina hafna.

Wilfrid: Ma kontx hi haga sabieha.

Vele : Sewwa qed tghid...Imma stenna... issa qed nifhem xi trid tghid. Bi kliemek trid tghid li jien kont immur ghandha ghal flus... Iva, ghandek ragun...In-nies x'aktarx li hekk jahsbu.

Wilfrid: Jien ma riedtx nghid hekk, imma bhal m'ghedt int, in-nies hekk jahsbu.

Vele : Imma dan, m'hux minnu, tant hu hekk li meta kont naraha wahidha kont inhoss ghaliha... naf x'igifieri meta bniedem ikun wahdu...Jien trabbejt maz-zija u bqajt maghha sakemm xjehet sewwa...Din hi r-raguni li kont inhoss dik il-gibda ghaliha... Iva, ix-xjuh inhobbhom.

Wilfrid: Xjuh? Taf kemm kellha zmien, Miss French?

Vele : Le, ma kontx naf... sir naf issa, wara li qrajt fil-gurnali... Kellha sitta u hamsin.

Wilfrid: Sitta u hamsin... Tikkunsidraha mara xiha ta' din l-eta'? Jiena nghidlek li Miss French kienet ghadha trida sewwa.
Crossing & sitting on chair.

Vele : Imma ma tistax tghid li hi zghira, hux veru?

Wilfrid: Ejja nkomplu, Mr. Vele... Kont tmur izzurha spiss?

Vele : Darba jew darb ejn fil-gimgha.

Wilfrid: Lis-Sinjura tighek, kont tohodha mighek?

Vole : Le... dejjem wahdi mort.

Wilfrid: U ghaliex kont tmur wahdek?

Vole: : Ghaliex kelli f'rasi li kieku kont nohodha mighi, ma kontx immur tajjeb.

Wilfrid: Ma' min? Ma' martek jew ma' Miss French?

Vole : Ma' Miss French.

~~Mayhew~~ : Kompli Mr. Vole.

Vole: : Bil-mhux, Miss French saret thobbni.

Wilfrid: Igifieri, thobbok bhala mara tagħha?

Vole : X'inti tghid? Miss French kienet thobbni bhala habib.

Wilfrid: Mr. Vole, bla dubju, il-hsieb li sejra tibni l-pulizija, hija ser tibnieh precisament fuq dil-hbiberija. Int ragel zaghzugh, sabieh, mizzewweg... qed tiddedika hafna mill-hin tieghek lil Miss Emily French...mara xiha...haga li llek ma tantx tista' tighdek lejha.

Vole : Naf, iva... Il-Pulizija tista' tahseb li jien kont immur ghandha ghal-flus... B'xi mod, ma jimnux qed jahsbu hazin.

Wilfrid: Ghall-inqas, issa, qed titkellem franchement, Mr. Vole. Irridek tfisser ruhek ftit ahjar.

Vole : Miss French qatt ma hbiet minni li hi kienet mara sinjura. Bhal m'ghedtlek, ~~xxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxx~~tighi; jiena u Romaine, il-mara tighi, konna xi ftit maghksin...Ma nahbix...jien kont qed nittama li ghad tislifni xi flus...Qed nghidlek il-verita'.

Wilfrid: Allura qatt tlabtha tislifek flus?

Vole : Le... S'issa, kien ghad baqaghli biex nghaddi...Qed nara li kien bhal dan, fix-xhieda tighi, ma tantx ser jaghmilli tajjeb.

Wilfrid: Mr. Vole, Miss French kienet taf l-int mizzewweg?

Vole : Iva.

Wilfrid: Qatt ma qaltlek biex lil mara tighek tohodha mieghek?

Vole : Le. Nahseb li Miss French kellha f'mohha li jiena u Romaine ma tantx konna ninqiebu.

Wilfrid: U din l-impressjoni, int, tajtielha?

Vole : Le, le... jiena qatt ma naf li ghedtilha xejn, izda hi, hekk kienet tidher li kellha f'rasha u nghidlek issew jien kont nahseb li jekk niehu lil Romaine mighi, Miss French kienet titlef l-interess li kellha ghalija. Jien kont ivventajt apparat ekejjen ghal windscreen tal-karrozzi u kelli l-hsieb li nitlob lil Miss French tiffinanzja din l-invenzjoni tighi... Donni li m'inhix nfisser ruhi tajjeb...Dak li jrrid nghid hu li jien qatt ma hadt flus minn ghandha.

Wilfrid: Qatt ma hadt flus?

Vole : Le, qatt.

Wilfrid: Issa ghidli xi haga dwar il-Governanti.

Vele : Janet MacKenzie! Kienet mara serra...Ma kienet tahmel lil hadd...Miss French, bikemm kienet tissogra tkellimha... Kienet dennha sid id-dar...Tassew li hij kienet tiehu kura taghha, imma bhal m'ghedtilkhom...Miss French, quddiemha, ma kienitx tissogra titkellem. Lili, ma kienitx tista' tarani.

Wilfrid: Ghaliex?

Vele : Ghira. Kienet tghir ghalija...Nahseb li ma kienitx tiehu gost tarani nghin lil Miss French fil-kontijiet li kien ~~x~~ ikollha.

Wilfrid: Ah... Allura int kont qed tghinha taghmel xi kontijiet?

Vele : Iva. Miss French, kellha xi flus investiti u billi kienet qed issiba bi tqila biex timla xi formoli, talbitni nimlihomlha jien.

Wilfrid: Issa, Mr. Vele, sejjer naghmillek mistoqsija serja hafna.... mistoqsija li jehtieg twigibni ghaliha bil verita' kollha. Finanzjarjament, int, ma tantx tinsab f'qaghda tajba. F'idejk, kellek flus dik il-mara... Ghidli, qatt ghamilt uzu minn xi flus li kellek f'idejk?

Vele : (B'lehen gholi) Le, le....

Wilfrid: Stenna, stenna ftit, Mr. Vele...Ifhimni x'sejjer nghidlek. Quddiemna ghandna zewg triqat ... ~~xxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxx xxxxxxxxxxxxxxxx~~ li minnhom nistghu nghaddu. Ahna nistghu nibnu il-kaz taghna fuq it-tjubija u l-onesta' tieghek. Jekk int, b'xi mod, qarraqt b'dik il-mara, allurajkolna naqbdu l-argument l-int ma kellek ebda skop li taghmel dak id-delitt meta ga kellek profitt mix-xoghol li kont qed taghmlilha. Iz-zewg argumenti fihom il-vantaggi taghhom. Mr. Vele, dak li jrrid minnek, il-verita'. M'hemmx ghaggla twigibni..hu zmien kemm trid.

Vele : Intik il-kelma tieghi, Sir Wilfrid li m'ghandi xejn x'nahbi.

Wilfrid: Tajjeb...issa serrahtli rasi...Jien naf l-int ta' l-affari tieghek...Jekk ma tghidlix il-verita', int tista' tmur minn taht...Issa, nigu ghax-xahar ta' Ottubru...id-data kienet....

Mayhew : L-Erbatax.

Wilfrid: L-erbatax... F'dik il-lejla, Miss French, kienet qaltlek biex tmur ghandha?

Vele : Le, imma billi kont ivventajt dak l-apparat, haiebt li hi tiehu gost jekk tarah u ghalhekk dak inhar mort ghandha biex tarah.

Wilfrid: X'hin wasalt ghandha?

Vele : Fit-tmienja nieqes kwart. Janet MacKenzie, dak inhar, kienet franka...Jien kont naf li Miss French f'dik il-lejla kellha tkun wahidha u ghalhekk haiebt li fl-istess hin li nuriha dak l-apparat, kont ser nghaddilha xi ftit tal-hin ukoll.

Wilfrid: Janet MacKenzie, dak inhar kienet franka u int kont taf b'dan.

Vele : Iva. Janet kull nhar ta' gimgha kienet tkun franka.

Wilfrid: Ma tantx qed niehu gost b'dan li qed tghidli.

Vele : Ghaliex? Haga naturali li jien naghzel dak inhar biex immur naraha.

Wilfrid: Kompli, Mr. Vole.

Vole : Bhal m'ghed ek... waselt ghandha fit-tminja nieqes kwart; hadna kikkra kafe' flimkien u laghabna xi zewg laghobiet domino, imbaghad, meta ~~xxxxxxxxxx~~ saru x'id-disgha, sellimtilha u tlaqt lejn id-dar.

Wilfrid: Int ghedtli li l-Governanti qalet li f'dik il-lejla, marret id-dar aktar kmieni mis-soltu.

Vole : Iva. Il-Pulizija qaluli li regghet lura d-dar ghal xi hega li kienet insiet. F'dak il-hin li dahlet id-dar, qalet li semghet lil xi hadd jitkellem ma' Miss French. Kien minn kien, dan, zgur li ma kontx jien.
(Stands - Walks to the door - Pause)

Wilfrid: Tista' tippruvah, dan, Mr. Vole?

Vole : Iva.... zgur li nista' nippruvah... F'dak il-hin, jien, kont ma' marti d-dar. Il-Pulizija staqsewni fejn kont ghal habta tad-disgha u nofs. Dak inhar, m'ghandix dubju, f'dak il-hin kont id-dar ma' Romaine.

Wilfrid: Int, fi flat toqghod?

Vole : Iva... Ghandi flat ckejken fuq hanut wara Euston Station.

Wilfrid: Rak xi hadd sejjer lura lejn id-dar?

Vole : Ma nahsibx.. ma naf li ltqajt ma' hadd...

Wilfrid: Kieku rak xi hadd kien ikun vantagg kbir ghalik.

Vole : Imma jekk Miss French giet maqtula fid-disgha u nofs, jien, m'ghandix bzonn hlief ix-xhieda ta' marti. Veru?

Wilfrid: Il-mara tieghek tghid li kont id-dar f'dak il-hin?

Vole : Bla dubju. (Walks to door)

Mayhew: Lil marthek tidher li thobba.... Hi thobbok ukoll?

Vole : Iva... Dan, m'ghandix dubju minnu.

Mayhew : Igifieri sal-lum, inthom kellkhom zwieg hieni.

Vole : Iva... Il-mara tieghi hi mill-ahjar... nixtieqkhom tafuha.

Hoss: ( Tahbita mal-bieb)

Wilfrid: Ghaddi.

Hoss: ( Bieb jinfetah)

Greta : Sir Wilfrid... Waslet il-gazzetta. Dal paragrafu nahseb li jinteressak.

Wilfrid: Grazzi, Greta.

Greta : Ingiblek kikkra te, sinjur?

Wilfird: Ghalija le... Tiehu kikkra, Mr. Vole?

Vole : Le, grazzi, sinjur.

Wilfrid: Tista' tmur, Greta, grazzi.

Hoss: ( Passi - bieb jinfetah u jinghalaq)

Mayhew : Nahseb li shjar naghmlu appuntament mal-mara tighek, Mr. Vole.

Vole : Ghalfejn? Jaqaw biex naghmlu Round Table Conference?

Mayhew : Mr. Vole, nibza li l-kaz tighek m'inthix tiehdu bis-serjeta' bizzejjed.

Vole : Tahsibx hekk, Mr. Mayhew... Emminni, ghadni ma nistax nemmen il-qaghda li sibt ruhi fiha...Delitt!.. Naqa li tagra fuqa fil-kotba, imma ma stealx biex temmen li tista' issib ruhek implikat fih... X'imbaqqiet, nidhaq bla ma irrid... nisthajjilni qieghed f'xi cajta.

Mayhew : Cajta kerha.

Vole : Jiena nghid li m'hemm ebda periklu... Jekk il-Pulizija sabet li Miss French giet maqtula fid-disgha u nofs u jien, f'dak il-hin kont ma' marthi, allura nista' nghid li jien mehlus.

Mayhew : Biex kont ergajt l-ura d-dar? Bil-karrozza jew bit-tren?

Vole : Bil-mixi. Domt sejjer hamsa u ghoxrin minuta...Kienet lejla sabiha u ghalhekk xtaqt nimxija.

Mayhew : Iltqajt ma' xi hadd fit-triq?

Vole : Le... imma bhala xhud ghandi lil Romaine.

Wilfrid: Ix-xhieda ta' marthek wahidha m'hix bizzejjed, Mr. Vole.

Vole : Kif??? Tahsbu li Romaine sejra tghid kelma b'ohra minhabba fija?

Wilfrid: Dan, m'hux l-ewwel darba li sar, Mr. Vole.

Vole : Imma l-mara tighi m'ghandhiex ghalfejn tghid kelma b'ohra. Dik hija l-verita'.... Fid-disgha u nofs kont maghha d-dar. Temmnuni?

Wilfrid: Jiena nemmnek, imma int m'hux lili trid tikkonvinci...Int taf, hux tassew li fit-testment, Miss French, kitbitlek kollox.

Vole : Kollox? Qed ticcajta, Sir Wilfrid.

Wilfrid: M'inhix niccajta... Dak li ghedtlek gie stampat f'dal-gurnal li hareg il-lejla.

Vole : Emminni... ghadni ma nistax nemmen.

Wilfrid: Ma kentx taf b'dan?

Vole : Le. Miss French qatt ma qaltli xejn.

Mayhew : Int agur minn dan, Mr. Vole?

Vole : Agur, daqskemm agur ninsab quddiemkhom. Jiena nifhiha hejr, imma fil-qaghda li ninsab fiha, ahjar li ma kitbitli xejn.

Wilfrid: Bil-wirt li hallietlek, taghtek skop ghal dak id-delitt.... Qan qed nghidu kemm il-darba int kont taf b'dak it-testment. Int qed tghid li ma kentx taf bih...Qatt ma tkelmet mighek Miss French, fuq wirt?

Vole : Darba smajtha tghid lil Janet: " Int qed tibza li jiena naghmel testment iehor" Dal-kliem, ghalija ma fisser xejn.. kienu qed jitlewmu bejniethom...Allura, tahsbu li sejrin jarrestawni?

Wilfrid: Nahseb li ahjar thejji ruhek, Mr. Vale.

Vole : Int taghmel mill-ahjar ghalija, hux tassew?

Wilfrid: Tista isserrah rasek li ahna sejrin naghmlu mill-ahjar... Halli f'idejna.

Vole : Nixtieq li tiehu hsieb il-mara tighi... Ghal Romaine, din sejra tkun disgrazzja kerha.

Wilfrid: Serrah rasek, Mr. Vole...

Vole : Qed niftakar... Sir Wilfrid... jien ma nistax inhalsek bil-quddiem.... flus ftit ghandi bhall-issa...Ghamilt hasin gejt ghandek, hux veru.

Wilfrid: Hallik mill-flus, Mr. Vole... Bhall-issa, din hija kaga sekondarja.... Jiena nahseb li nistghu nibnu difiza tajba...

Vole : Ma nistax nemmen... ma nistax nemmen fiex sibt ruhi...Jien, Leonard Vole... hemm, fuq il-bank tal-hatjin...nghajjat: "Le!.. M'inhix hati!. ... M'inhix hati!... " In-nies, ghajnejhom fuqi...... Imma, ghaliex qed jissuspettaw fija? Ghaliex ma hasbux li kien xi halliel?... It-tieqa sabuha miftuha...sabu l-hgieg miksur... affarijiet mxerrda ma' l-art....Dan juri biċ-ċar li min dahal hemm, dahal biex jisraq.

Mayhew : Mr. Vole, il-Pulizija ghandha ragunijiet tajba biex ma jissuspettatx li kien xi kaź ta' serq.

Vole : Jien jidhirli.....

Hoss: (Bieb jinfetah)

Wilfrid: X'inqala, Carter?

Carter ; Ahfirli, Sir Wilfrid... Hawn tnejn minn-nies iridu jkellmu lil Mr. Vole.

Wilfrid: Pulizzija?

Carter : Iva, sinjur.

Wilfrid: Stennewni halli nmur inkellimhom jien.

Hoss: ( Passi - bieb jinghalaq)

Vole : Alla tighi!... Possibbli li gew jarrestawni?

Mayhew : Aktarx li hekk...Issa hemm bżonn li jżżomm ruhek kalm... li taghmel kuragg... Quddiem il-Pulizija, tkkkemx titkellem xejn... halli kollox f'idejna.

Vole : Imma kif kienu jafu li jien qieghed hawn?

Mayhew : X'aktarx li baghtu lil xi hadd ghassa tighek.

Vole : Allura, dan juri li tassew qed jissuspettaw fija?

Hoss ( Bieb jinfetah)

Spettur: Ma xtaqtx infixkilkhom, Sir Wilfrid.

Wilfrid: Xejn, xejn, Spettur... Dan hu,Mr. Vole.

Spettur: Nirringrazzjak, Sir Wilfrid.... Int jismek Mr. Vole?

Vole : Iva, Spettur.

Spettur: Jiena l-Ispettur Hearne tas-C.I.D. Hawn, ghandi l-Warrant ta' l-Arrest tieghek....Mr. Vole, int tinsab mixli bil-qtil ta' Miss Emily French, delitt li sar fl-14 ta' Ottubru li ghadda. Inwissik li dak li tghid jista' jigi użat fix-xhieda kontra tieghek.

Vole : Tajjeb... Jien lest, Spettur.

Mayhew : Spettur, jiena Mayhew...Qieghed nirrappreżenta lil Mr. Vole.

Spettur: Lil Mr. Vole sar niehdu mighi u nixlieh il-lum stess. Sir Wilfrid, nittama li ma fixkilnikx. start fr. 7/cp

Wilfrid: Xejn, xejn, Spettur....Il-bieb tieghi dejjem miftuh ghalikhom.

Spettur: (Dahqan) Grazzi, Sir Wilfrid... Narawk iżjed tard...Good afternoon. (1 cue/2)

Hoss: ( Passi - bieb jinghalaq)

Wilfrid John... Dak iż-żaghżugh ghadu ma jafx fiex jinsab.

Mayhew : Sewwa qed tghid... Int, x'jidhirlek minnu?

Wilfrid: Jidher li hu bniedem sincie r... x'imdaqqiet jidher li hu ghaqli, makakk... intelligenti, b'dan kollu, donnu li ghad u ma ntebahx bil-qaghda mwerha tieghu.

Mayhew : Tahseb li hu l-qattiel?

Wilfrid: Ghadni ma nistax nghid... Jien ghandi f'rasi li m'hux hu.... Taqbel mieghi?

Mayhew : Iva, naqbel.

Wilfrid: S'issa jidher li mpressjonana tajjeb hafna, kemm lili u kemm lilek... Ghadni ma nistax nifhem ghaliex.... Alla jaf jekk hux sar jirnexxilna jew le... Ix-xhieda wahdenija li ghandna favur tieghu hija l-mara tieghu... u min sejjer jemmen ix-xhieda taghha?

Mayhew : Gie li kien hemm nisa li xhedu favur żwieghom u rnexxielhom jehilsuhom.

Wilfrid: Dil-mara hija ~~stranier~~a frustiera.... Disgha mit-tnax il-membru tal-Gurati, ma jemmnux kelma milli tghid... Bla dubju, hija tipprova tnissel hniena quddiem il-gurati...Tipprova ma tiftehimx x'ighidilha l-Prosekutur, b'dan kollu, hemm bżonn li nkellmuha.... Mur ara kemm gej biki .

Mayhew : Behsiebek taċċetta li tiddefendieh hux tassew?

Wilfrid: X'gaghalhek tahseb li sar nirrifjuta guri bhal dan? Jagaw ghaliex smajtni nghid li dak iż-żaghżugh jinsab f'qaghda kerha?

Mayhew : Iva... ~~Xxxxxxxx~~ Jinsab f'qaghda kerha hafna...Il-fatti kollha kontra tieghu.

Wilfrid: Meta teqoghod tahseb ftit tara li dak li qal dak iż-żaghżugh jista' jigri... Setghu qatluha biex jisirquha...Ftit ilu, kelli każ l-istess bhal dan.

Mayhew : Mr. Vole ghandu personalita' kbira... Dan jista' jiswielu ta' gid.

Wilfrid: Mal-Gurati nahseb li ma jmurx hazin ghalkemm dan, ma jaghmel ebda effett fuq l-Imhallef...Nibża li billi hu sinċier, jista' jinfixel u jigbed fuqu akter suspetti.

Mayhew : Ix-xhieda ta' martu thell u torbot.

Hoss: ( Tahbita fuq bieb)

Wilfrid: Ghaddi.

Hoss: ( Bieb jinfetah)

X'inqala, Greta?

Greta : Hawn Mrs. Leonard Vole trid tkellmek.

Mayhew : Mrs. Vole!...

Wilfrid: Ersaq l-hawn, Greta. Rajtu dak iz-zaghzugh li kien hawn ftit ilu? Dak gie arrestat ghaliex gie mixli b'delitt.

Greta : Iva, naf... Ghelejt ghalieh.

Wilfrid: Greta.... Tahseb li dak iz-zaghzugh jasal biex jaghmel delitt?

Greta : Le, ma nemminx... Jien nghid li hu bla htija.

Wilfrid: X'jgeghalhek tahseb hekk?

Greta : Jidher zaghzugh qalbu tajba... Le, ma nghidx li jasal biex joqtol.

Wilfrid: Int qbilt maghna ukoll...Ga ninsabu tlieta favur tighu. Ghid lil Mrs. Vole tghaddi.

Hoss: (Passi)

X'aktarx li ahna tliet imbecilli....Bil personalita' tighu nahseb li rnexxielu igarraq bina.

Greta : (Beghed mill Mike) Sir Wilfrid, Mrs. Vole.

Mayhew : Ghaddi, ghaddi, Mrs. Vole.

Romaine: Int hawn, Mr. Mayhew?

Mayhew : Iva, Mrs. Vole... Dan hu Sir Wilfrid Roberts li ser jiddefendi lir-ragel tighek.

Romaine: Kif int, Sir Wilfrid?

Wilfrid: Tajjeb, grazzi.

Romaine: Mr. Mayhew, ghadni gejja mill-uffiċċju tighek...Qaluli li qighed hawn mar-ragel tighi.

Mayhew : Sewwa qalulhek.

Romaine: Kif wasalt, deherli li rajt lil Leonard diehel f'karrozza. Mighu kien hemm zewg irgiel.

Wilfrid: Mrs. Vole, nitolbok li ma tagitax ruhek...Oqeghod bilqegheda jekk joghogbok.

Romaine: Grazzi.

Wilfrid: Ghadu kmieni biex wiehed jallarma ruhu...Jien nirrikkmandalhek kalma u kuragg.

Romaine: Mill-kuragg m'inhix nieqsa, Sir Wilfrid.

Wilfrid: Niehu gost nisimghek tghid hekk...Bhal ma x'aktarx ga jissuspettajt, ir-ragel tighek ghadu kemm gie arrestat.

Romaine: Fuq il-qtil ta' Miss Emily French?

Wilfrid: Nibża li kif qegħeda tgħid, imma kif għedtlhek... nixtieq li jżżomm ruhek kalma.

Romaine: M'hemmx għalfejn terġa' tgħidli...Jiena kalma biżżejjed.

Wilfrid: Għandhek raġun... Int tidher mara qalbiena, imma billi f'dal-każ, jehtieġ li wiehed jibqa' kalm hafna, allura hsiebt biex inwissik minn qabel.

Romaine: Tajjeb. Imma, issa irrid l-int ma tahbi xejn minnhi.. Irrid naf kollox... kollox, qiegħed tifhimni?

Wilfird: Brava. B'dal mod naslu ahjar...Issa sejrin nharsu lejn il-fatti. Ir-raġel tigħek għamel habib ma' Miss Emily French, madwar sitt ġimgħat ilu. Kont taf, int b'dil-hbiberija?

Romaine: Ftit ilu kien qalli li kien heles lil wahda sinjura minn taht karrozza...Qalli li wara kienet stednitu biex imur jaraha d-dar.

Wilfrid: Haġa naturali... U r-raġel tigħek, mar, id-dar tagħha?

Romaine: Iva.

Wilfrid: U b'hekk huma saru hbieb.

Romaine: Iva.

Wilfrid: Int qatt ma mort miegħu,hux tassew?

Romaine: Leonard kien qalli li ahjar m'immurx.

Wilfrid: Deherlu li ahjar ma tmurx!... Mrs. Vole, bejnietna, għaliex deherlu hekk?

Romaine: Haseb li Miss French aktar tiehu gost jekk imur wahdu.

Wilfrid: Tajjeb... Fuq dan niddiskutu aktar tard... U wara dak l-incident, ir-raġel tigħek sar habib ta' Miss French.. Huwa kien jaqdiha f'xi xogħol ckejken...Hija kienet mara wahidha u għalhekk il-kumpanija tar-raġel tigħek kienet togħoġoba.

Romaine: Leonard huwa raġel kumpanjus hafna.

Wilfrid: Iva, dan perswas minnu...Naturalment, huwa, mingħalieh li kien qed jagħmel tajjeb li jmur jagħmel kumpanija lil dik ix-xiħa.

Romaine: Hekk nahseb.

Wilfrid: Int qatt m'oġġezzjonajt għal dil-hbiberija?

Romaine: Le... safejn naf jien, le...

Wilfrid: Għandi nahseb l-int għandek fiduċja kbira fir-raġel tigħek, hux veru?

Romaine: Iva... Leonard naf x'raġel hu.

Wilfrid: Ma kontx nahseb li sejra jżżomm ruhek kalma daqshekk... Qed niehu gost bik... narak hekk qalbieħa... kuraġġ/żża.
Mrs. Vole, billi naf kemm thobbu....

Romaine: Int taf li jiena nhobbu?

Wilfrid: Iva.

Romaine: Ahfirli, Sir Wilfrid... Jiena bniedma straniere minn hawn u ghalhekk ma nafx sewwa kif tahsbuha... Ghidli, kif taf li jiena nhobbu lil Leonard?.. Int, lili ma tafnhix.

Wilfrid: Dan qaluli r-ragel tieghek stess.

Romaine: Leonard qallek li jiena nhobbu?

Wilfrid: Iva... Meta beda jkellimni fuqhek, qalbu ntaghfset ghal kollox... Qalli l-int mignuna warajh.
Hekk tani x'nifhem meta kellimni fuqek

Romaine: L-irgiel, x'imdaqqiet huma nies stupidi.

Wilfrid: Ahfirli, Mrs. Vole, ma fhimtekx.

Romaine: Ma jimpurtax... Kompli, Sir Wilfrid, kompli staqsini.

Wilfrid: (Rises) Miss French kienet tippessiedi xi sold sewwa.... Ma kellha lil hadd jigi minnha... Bhal hafna xjuh eccentrici, it-testmenti kienet thobbom hafna... Matul hajjitha, ma nafx kemm il-testment ghamlet...Ftit wara li ltaqghet mar-ragel tieghek, ghamlet testment gdid u halliet kollox lir-ragel tieghek.

Romaine: Iva, naf.

Wilfrid: Kont tafu, dan?

Romaine: Qrajtu fil-gurnal, il-lum.

Wilfrid: Ghandhek ragun... Allura, qabel ma qrajt fil-gurnal ma kont taf xejn? Ir-ragel tieghek ma kien jaf xejn b'dak il-wirt?

Romaine: Hekk qallek, Leonard?

Wilfrid: Iva... Jaqaw ma qallix il-verita'?

Romaine: Le, le... ma riedx nghid hekk.

Wilfrid: Milli jidher, Miss French, lir-ragel tieghek, kienet tqisu bhala binha.

Romaine: Tahseb?

Wilfrid: Iva, hekk nahseb.... Ma jistax jkun xort'ohra...fic-cirkostanzi, din, haga naturali.

Romaine: Qatt ma naf li rajt nies ipokriti daqs li rajt f'dal-pajjiz.

Wilfrid: Mrs Vole!....

Romaine: Offendejtek, Sir Wilfrid? Ahfirli....

Wilfrid: M'ghandniex xcinghidu, bhala frustiera, certi affarijiet, int tarhom mod-iehor, imma jiena nghidlek li f'dal-kaz, int m'ghandekx tiehu din l-attitudini... Ikun zball kbir jekk b'xi mod turi li Miss French kellha xi heieb ghar-ragel tieghek jekk m'hux dak biss li kienet tqisu bhala binha...li ghalieh, kienet bhala omm... bhala zija...

Romaine: La jqabel hekk, inqisuha bhala zija, tajjeb?

Wilfrid: Wiehed irid jistudja x'effett ser ikollhom fuq il-gurati dawn l-argumenti.

Romaine: Dan, ilhi nahseb fuqu hafna.

Wilfrid: Hemm bżonn li nhabbru flimkien...Issa, nigu ghal dik il-lejla ta' l-14 ta' Ottubru... igifieri gimgha ilu... Tiftakar x'sar f'dik il-lejla?

Romaine: Iva.

Wilfrid: Dak inhar, Leonard Vole mar iżur lill Miss Emily French. Il-Governanti, Janet MacKenzie ma kienitx id-dar. Mr. Vole qagħad jilgħab id-domino ma' Miss French, imbagħad, ghal x'id-disgha, telaq lejn id-dar. Minn hemm telaq bil-mixi u wasal id-dar ghal x'id-disgha u ~~hamsa u ghoxrin minuta~~. nofs negsin hamsa.

Romaine: (Imhassba) Id-disgha u hamsa u ghoxrin!...

Wilfrid: Iva... Fid-disgha unofs, il-Governanti regghet l-ura lejn id-dar biex tiehu xi haga li kienet insiet warajha. Waqt li kienet ghaddejja minn quddiem is-sala fejn kienet Miss French, semghetha titkellem ma' ragel. Janet tghid li dak ir-ragel kien Mr. Vole. Inspector Hearne qal li din id-dikjarazzjoni ta' Janet MacKenzie gagħlet lil pulizija tarresta lil Mr. Vole. Ir-ragel tighek jghid li ghandu xhieda tajba li f'dak il-hin, kien id-dar mighek. (Pawsa)

Veru dan? Tassew lir-ragel tighek kien mighek id-dar f'dak il-hin?

Romaine: Hekk ~~ghid~~ qal Leonard? Li kien mighi d-dar, fid-disgha u nofs?

Wilfrid: Jaqaw, m'hux tassew? (Pawsa)

Romaine: Iva...tassew.

Wilfrid: Nahseb li l-pulizija ga ghamlitlhek xi mistoqsijiet dwar dan.

Romaine: Iva, gew id-dar, ilbieraħ filghaxija.

Wilfrid: U int, x'ghedtilhom?

Romaine: Ghedtilhom li Leonardwasal id-dar fid-disgha u hamsa u ghoxrin minuta u li ma regghax hareg mid-dar dak inhar.

Mayhew : (Inkwiet) Hekk ghedtilhom?

Romaine: Iva...hekk qalli biex nghidilhom.

Wilfrid: X'igifieri, Mrs. Vole?

Romaine: M'hux hekk iridni nghid Leonard?

Wilfrid: Imma, jekk m'inhix sejjer ħbell din hi l-verita'...Dan, ghadhek kemm ghedtu ftit ilu.

Romaine: Sir Wilfrid... dal-punt nixtieq inċersh.... Jekk nghid li Leonard Vole, fid-disgha u nofs kien mighi d-dar, tahseb li jehreg hieles?

Mayhew: Jekk inthom it-tnejn qed tghidu l-verita, allura nghidlek li jehles.

Romaine: Meta lil-pulizija ghedtilhom hekk, nahseb li ma emmnuhix.

Wilfrid: X'igeghalhek tahseb li ma emmnukx?

Romaine: Nahseb li ma fissirtx ruhi tajjeb.

Wilfrid: Mrs. Vole... nghidlhek issew, ihhoss li qegheda thawwadni bi kliemek.

Romaine: Ghandek ragun... forsi diffidi ftit li tifhimni.

Wilfrid: Mrs. Vole, jien nghidlhek l-int ghadhek ma fhimtx sewwa il-qaghada li jinsab fieha r-ragel tieghek.

Romaine: Minn kliem l-Ispettur, zewgi jinsab f'qaghada serja hafna.

Wilfrid: Dan li riedt nghidlhek, Mrs. Vole....

Mayhew : Allura, r-ragel tieghek ma jiftakarx jekk fit-triq ltaqax ma' xi hadd? Kieku dan, jista' jiswielu hafna.

Romaine: Le... Jiena u hu biss nistghu nghiduh dan...Nahseb li ma baqaghlix x'naghmel hawn iżjed... Bejra....

Mayhew : Mrs. Vole, nahseb li ahjar ma tmurx ghall-issa... Baqa' hafna x'inghidu.

Romaine: Jien m'ghandi x'inghid xejn iżjed.

Wilfrid: Ghaliex, le, Mrs. Vole?

Romaine: Jien jkolli niehu l-gurament, m'hux tassew? Gurament li nghid il-verita' u xejn ~~iżjed~~ inqas mill-verita'.

Wilfrid: Iva... Dak hu l-gurament li jtuk.

Romaine: Naghtu każ li meta inti tistaqsini: "X'hin wasal id-dar, Leonard Vole, dak inhar?" U jiena nwiegbek......

Wilfrid: Kompli Mrs. Vole.

Romaine: Jiena nista' nghid hafna xorti.

Wilfrid: Mrs. Vole, int tassew thobbu lir-ragel tieghek?

Romaine: Leonard jghid li jiena nhobbu.

Mayhew : Iva, hekk minghalieh.

Romaine: Leonard m'huiex nfurmat tajjeb dwar l-imhabba tieghi.

Wilfrid: Mrs. Vole... Taf, hux tassew li skond il-Ligi, int ma tistax ~~tixhed~~ tiġi mġiegħla biex tixhed ~~b'sod li tgharraq~~ ~~kontra~~ lil zewgek? u bix-xhieda tiegħek tgħarraq lil żewġek.

Romaine: Din hemm konvenienti hafna.

Wilfrid: Ir-ragel tieghek jista'.....

Romaine: Leonard Vole, ghalija, ma jfisser xejn.

Wilfrid: Kif??? X'igifieri?

Romaine: Lil Leonard ma żżewwigtux ghaliex inhobbu, imma iżżewwigtu biex irnexxieli nohrog miż-zona Russa.... Imbaghad gibni f'dal-pajjiż....

Wilfrid: Irnexxielu johilsek minn taht idejn ir-Russi u jgibhek f'dal-pajjiż... Int ghandhek ghaliex ~~tiżżieh hajr~~ tirringrazzjah, Mrs. Vole.

Romaine: Dan jien pattejtulu bi li bqajt mieghu sal-lum.... Issa wasal il- waqt li norqa' nidbieghed minnu... li mmur pajjiżi.

Wilfrid: Mrs. Vole, tista' tghidli jekk Leonard qattx ghamillhek xi azzjoni hazina?

Romaine: Leonard? Lili? Huwa jadura l-art li nimxi fuqa.

Mayhew : Mrs. Vole... Tista' tghidilna dak li gara sewwa fil-lejla ta' l-14 ta' Ottubru?

Romaine: Leonard wasal id-dar fid-disgha u hamsa u ghexrin u ma regghax hareg. Jekk nghid hekk jiswielu, hux tassew?

Wilfrid: Iva, Mrs. Vole......

Romaine: Ghidli, Sir Wilfrid. → pause

Wilfrid: ~~Tal li~~-int mara straordinarja.

Romaine: Nahseb li issa sodisfatt, hux tassew?

Wilfrid: Bil-maqlub.....

Mayhew : Jiena ukoll... inhossni ghadni ma nistax nifhem....

Romaine: Il-lejl it-tajjeb, sinjuri.... (outbreak last curs) End ACT I

Hoss: (Passi - bieb jinfetah u jinghalaq)

Wilfrid: John, dik il-mara ghandha xi haleb...Kliema m'ghogobni xejn.

Mayhew : U hsiebna li sejra tibda tibki u tixher.

Wilfrid: Anqas dengha wahda.

Mayhew : X'tahseb li se' jkun ir-rizultat jekk intellughe tixhed?

Wilfrid: Alla biss jaf, John.

Mayhew : Ghandi f'rasi li l-Prosekuzjoni malajr tfixkilha, l-akter jekk il-Prosekutur jkun Mr. Myers.

Wilfrid: Jekk ma jkun l-Attorney General, Mr. Myers ikun agur.

Mayhew : Liema linja behsiebek taqbad?

Wilfrid: Dik tas-soltu... Nibda naqtaghlu kliemi...naggezzjonalu kemm jista' jkun.

Mayhew : Dak li jsorprendieni l-izjed ~~hu~~ kif Mr. Vole ghandu f'rasu li dik il-mara tirrispettah.

Wilfrid: Eh...habib.. il-mara tista' tqarraq bik kif trid, l-akter jekk Mr. Vole jhobba hafna.

Mayhew : Dan, nista' nwiegeb ghalieh jien. Leonard ghandu fiduċja kbira fieha.

Wilfrid: Bniedem imbeċilli... Mara qatt m'ghandek tavdaha.

<u>MUZIKA</u>: (the Unknown) . . . Biging ACT II.

Registratur: Leonard Vole, skond l-Att ta' l-akkuża, int tinsab mixli li fl-14 ta' Ottubru, int qtilt lil Miss Emily French f'wahda mis-swali tad-dar taghha. Xi tghid int, hati jew ~~mixxxxxx~~ m'hux hati?

Vole : Le.. M'inhix hati.

Reg. : Sinjuri Gurati, l-Imputat, skond l-att ta' l-akkuża, jinsab mixli li fl-14 ta' Ottubru li ghadda qatel lil Emily French. Ghal din l-akkuża, l-imputat qal li m'hux hati u ghalhekk issa, wara li tkunu smajtu x-xhieda, imiss lilkhom tghidu jekk hux hati jew le. Mr. Vole, tista' teqeghed bilqeghda.

Myers : Sinjuri Gurati.....

President Mument wiehed, Mr. Myers.... Sinjuri Gurati...Il-waqt li fieh jien ghandi inkellimkhom, huwa dak meta inthom tkunu smajtu ix-xhieda kollha. Billi dan il-każ gie imxandar fuq il-gurnali, nixtieq nghidilkhom li bil-gurament l-inthom hadtu

: Inthom hlifti li taqtghu l-verdett taghkhom skond ix-xhieda li tkunu smajtu. Igifieri fuq ix-xhieda li sejrin taraw u tisimghu. Irrid infisser l-inthom m'ghandkhomx taghtu kas ta' dak li smajtu jew li qrajtu qabel ma hadtu l-gurament. M'ghandkhom thallu xejn jinfluenzakhom favur jew kontra l-imputat. Jiena persważ l-inthom sejrin taqdu dmirkhom bir-reqqa u ghalhekk nistghu mmxu il-quddiem. Mr. Myers....

Myers : (Jinstema' jikklirja griżmejh) Sur President...Sinjuri Gurati. F'dal-Qorti, jiena sejjer nidher quddiemkhom bhala Prosekutur waqt li Sir Wilfrid Roberts ser jkun l-Avukat Difensur. Inthom sejrin tisimghu kif l-imputat, ragel zaghzugh u sbejjah, sar jaf li Miss Emily French, mara ta' sitta u hamsin sena. Sejrin tisimghu kif kien migjub minnha u kif waslet ukoll biex din il-mara issir thobbu. Jekk kienitx thobbu bhala binha, bhala neputi jew bhala bniedem li kellha grazzja mieghu, inhalli f'idejkhom biex tiddeciedu. Dr. Wyatt jghidilkhom li fl-opinjoni tieghu, Miss French, giet maqtula bejn id-disgha u nofs u l-ghaxra ta' bil-lejl, fil-lejla ta' l-14 ta' Ottubru li ghadda. Inthom sejrin tisimghu x-xhieda ta' Janet MacKenzie li kienet ~~xxxxxx~~ il-qaddejja fidila tal-mejta. L-14 ta' Ottubru.... Kien il-Gimgha. Miss Janet MacKenzie, dak inhar, kien ikollha franka, imma b'kumbinazzjoni regghet l-ura d-dar biex tiehu xi haga maghha f'xid-disgha u hamsa u ghoxrin minuta. Fil-waqt li kienet tiela fil-kamra taghha, semghet lehen Miss French u lehen l-Imputat, Leonard Vole.

Leoanrd: M'hux tassew!... Jien ma kontx hemm f'dak il-hin.

Worder : Oqghod bilqeghda, Mr. Vole.

Myers : Janet MacKenzie issorprendiet ruhha ghaliex sofejn kienet taf, Miss French ma kienitx qeghda tistenniech f'dik il-lejla. Hija regghet harget u meta regghet l-ura, f'xil-hdax ta' bil-lejl, sabet lil Miss French, mejta. Il-kamra kienet tidher ta' taht fuq...It-tieqa mkissra, il-hgieg mkisur u l-purtieri jittajru mar-rieh. Mbluha u mwerwra, Miss MacKenzie ittelefonat lil Pulizija. Irrid nghidilkhom li l-Imputat gie arrestat fl-ghoxrin ta' Ottubru. Huwa l-kaz tal-Prosekuzzjoni li Miss Emily French giet maqtula bejn id-disgha u nofs u l-ghaxra ta' bil-lejl, fil-lejla ta' l-14 ta' Ottubru, b'daqqa ta' lembuba u li d-daqqa giet moghtija mill-imputat li ghandkhom quddiemkhom. Issa sejjer insejjah l-Ispettur Hearne. ~~Tista' issejjahlu jekk joghgbok.~~

Purtier: Inspector Hearne!

Pulizija (Bghod mill-Mike) Inspector Hearne!.. Inspector Hearne!..

Hoss( Passi resqin)

Spettur: Nahlef fuq dan is-salib li x-xhieda li ser naghti tkun il-verita u xejn anqas mill-verita'. Robert Hearne, Detective Inspector, Criminal Investigation Department, New Scotland Yard.

Myers : Inspector Hearne, fil-lejla ta' l-14 ta' Ottubru, kont ghassa meta rcevejt dik it-telefonata urgenti?

Spettur: Iva, ~~sinjur~~.

Myers : Tista' tghidilna x'passi hadt wara li rcevejt dik-it-telefonata

Spettur: Flimkien mas-Surgent Rundell, mort fit-Triq Ashburn Grove, Nru. 23. Dhalt f'dik id-dar u sibt nof li hemm kienet toqghod Miss Emily French li ~~xxxxxx~~ f'dik il-lejla kienet instabet mejta. F'dak il-hin, kienet fl-art, wicca l-isfel

: u f'nasha kollha xi grieh. Wara li flejt bir-reqqa l-kamra, rajt li t-tieqa kienet giet skassata u l-hgieg ta' fejn il-lukkett, kienet miksura. Taht it-tieqa fuq in-naha ta' gewwa, kien hemm xi hgieg miksur kif ukoll fuq in naha ta' barra.

Myers : Tahseb li hu fatt importanti li sibt il-hgieg miksur, kemm fuq in-naha ta' barra u kemm fuq in-naha ta' gewwa?

Spettur : Meta t-tieqa giet skassata min-naha ta' barra, il-hgieg, aktarx li jaqa' fuq in-naha ta' gewwa.

Myers : Trid tghid li jekk it-tieqa giet skassata minn gewwa, ippruvaw juru li din giet skassata minn barra, veru?

Wilfrid: Sur President... Neggezzjona. Il-habib tighi, Mr. Myers, qed jissuggerixxi lix-xhud dak li ghandu jghid. Jiena nitlob lil Prosekutur josserva ir-regolamenti tal-Ligi.

Myers : Spettur, int kemm il-darba kellek f'idejk kazi ta' serq.

Spettur: Iva, sinjur.

Myers : Skond l-esperienza tighek, meta jiskassaw u jkissru xi tieqa, ~~xxxxxxx~~ min-naha ta' barra, il-hgieg fuq liema naha jaqa'?

Spettur: Fuq in-naha ta' gewwa.

Myers : Kemm ilek f'dil-karigs, f'kazi bhal dawn, qatt sibt hgieg miksur fuq in-naha ta' barra?

Spettur: Le, sinjur.

Myers : Le.... Tista' tkompli, Spettur.

Spettur: Ahna bdejna l-investigazjoni taghna...Hadna xi ritratti u sibna xi finger_prints.

Myers : X'fingerprints sibtu?

Spettur: Dawk ta' Miss Emily French, ta' Janet MacKenzie u xi ohrajn li wara sirna nafu li huma ta' l-Imputat, Leonard Vole.

Myers : Ta' hadd iżjed ma sibtu?

Spettur: Le.

Myers : Wara l-investigazzjonijiet li ghamilt, kellek xi laqa' ma' Leonard Vole?

Spettur: Iva, sinjur. Janet MacKenzie m' gharfitx ittini l-indirizz tighu, imma wara xandira li ghamilna minn fuq il-B.B.C. u l-appell li ghamilna fuq il-gurnali, Mr. Leonard Vole gie u talab biex ikellimni.

Myers : U meta fl-ghoxrin ta' Ottubru int arrestajtu, x'qal l-imputat?

Spettur: Wiegeb: " Tajjeb...jiena lest."

Myers : Jekk ma niżbaliex, Spettur, ghedtilna li l-kamra kienet tidher li fiha sar xi serq.

Wilfrid: Le, Sur President... L-Ispettur ma qalx hekk. Jekk is-~~sinjuri~~ sinjura tighek tiftakar sewwa, dak kien suggeriment maghmul mill-habib tighi li jien oggezzjonajt ghalieh minnufieh.

Pres. Ghandek ragun, Sir Wilfrid....imma fl-istess hin, m'inhix sgur jekk l-Ispettur ghandux id-dritt li jaghti xhieda fuq xi fatti li juru li d-disordni li kien hemm fil-kamra, ma saritx minn dik il-persuna li dahlet minn barra biex tisraq.

Wilfrid: Sur President, dwar il-fatti naqbel mighek, imma issa, ghandna opinjoni minhija fuq ix-xejn.

~~Mayhew~~ Myers : Sur President, nahseb li jekk nesprimi ruhi xort'ohra, il-hab habib tighi ikun sodisfatt. Spettur, tista' tghidilna jekk minn dak li osservajt tistax tghid jekk minn dahal hemm gew dahalx mit-tieqa jew le?

Wilfrid: Sur President, jiena nibqa' noggezzjona... Il-habib tighi, mill-gdid qed jipprova jiehu l-opinjoni ta' dan ix-xhud.

President Iva, Mr. Myers... Sir Wilfrid ghandu ragun u ghalhekk nitolbok tesprimi ruhek mod-ieher.

Myers : Spettur, sibt xi haga li turik li minn dahal hemm gew, ma dahalx mit-tieqa?

Spettur: Il-hgieg...il-hgieg biss, sinjur.

Myers : Xejn izjed?

Spettur: Le, sinjur... xejn ma sibt izjed.

Myers : Tista' tghidilna jekk il-mejta kelliex fuqha xi deheb?

Spettur: Iva...Kellha labra tad-djamanti u zewg ċricket li gew stmati 900 lira.

Myers : U dawn, ma messewhomx?

Spettur: Le, sinjur.

Myers : Taf jekk insterqux xi oggetti ohra?

Spettur: Skond kif qaltilna Janet MacKenzie, ma nsteraq xejn.

Myers : Spettur, skond l-esperjenza li ghandek, meta wiehed jiksaa u jidhol f'xi dar, jerga' l-ura bla ma jisraq xejn?

Spettur: Biex wiehed jaghmel dan irid ikun ser jinqabad.

Myers : Imma f'dal-kaz, il-halliel ma deherx li kien ser jinqabad.

Spettur: Le, sinjur.

Myers : Matul l-investigazzjonijiet tighek, sibt xi haga li trid tipprezentaha quddiem din il-Qorti?

Spettur: Iva.. ghandi glekk....hekku.

Myers : U dan, mnejn gibtu?

Spettur: Sibtu fil-flat ta' l-imputat, l-ghada li arrestajtu.

Myers : Imbaghad, x'ghamilt bieh?

Spettur: Hadtu il-laboratorju biex jigi ezaminat ghal xi dbajja taddemm.

Myers : Kisteqsija ohra u ta' l-ahhar.... Spettur, it-testment ta' Miss French, erfajtu?

Spettur: Iva, sinjur.

Myers : X'data fieh it-testment?

Spettur : It-8 ta' Ottubru.

Myers : Minn hu l-werriet?

Spettur: L-Imputat, sinjur.

Mayhew : U kemm jiħlsuq dan il-wirt?

Spettur: Madwar 85,000 lira.

Mayhew : Dak kollox, Sur President, grazzi.

Ħoss: ( Agħa ta' nies - Qampiena - jaqa' skiet mill-ġdid)

Wilfrid : Spettur, int għedtilna li l-fingerprints li sibt fil-kamra fejn instabet il-mejta, kienu ta' Miss French stess, ta' Leonard Vole u ta' Janet MacKenzie. Skond l-esperienza tiegħek, meta ħalliel jkun sejjer jisraq, iħalli l-fingerprints warajh jew jilbes x'ingwanti?

Spettur: Jilbes ingwanti.

Wilfrid: Dejjem?

Spettur: Iva, dejjem.

Wilfrid: Igifieri, jekk f'każ ta' serq, int ma ssibx fingerprints, ma tissorprendix ruħek.

Spettur: Le, sinjur.

Wilfrid: Int għedtilna li sibt xi daqqiet ta' furmatur fuq it-tieqa. Dawn, fejn kienu, fuq in-naħa ta' ġewwa, jew fuq in-naħa ta' barra?

Spettur: Sir Wilfrid, il-ħalliel, wara li għamel id-delitt, setgħa ħareġ barra u jimmakkja t-tieqa biex iqarraq bina, mill-banda l-oħra, dawk id-daqqiet setgħu saru minn ġewwa.

Wilfrid: Minn ġewwa? Tista' tgħidli kif setgħa isir, dan?

Spettur: F'dik il-kamra, hemm sewgt-itwieqi ħdejn xulxin. M'hix ħaġa tqila li wieħed jiftaħ waħda minnhom, jixxebbat ftit u jiskassa l-oħra.

Wilfrid: Għidli, Spettur.... sibt xi għodda li biha setgħu jiskassaw dik it-tieqa?

Spettur: Iva, sinjur... Fil-Flat ta' l-Imputat.... Sibt skarpell.

Wilfrid: U dawk id-daqqiet, qablu ma' dak l-iskarpell?

Spettur: Le, sinjur.

Wilfrid: Tajjeb. Spettur, fil-lejla ta' l-erbatax ta' Ottubru, jekk ma niżbaljax, kien ir-riħ...veru?

Spettur: Ma niftakarx, sinjur.

Wilfrid: Skond dak li qal il-ħbib tiegħi, Janet MacKenzie qalet li il-purtieri sabithom jittajru mar-riħ....Int, ma osservajtux dan?

Spettur: Iva, issa qed niftakar... iva l-purtieri kienu qed jittajru.

Wilfrid: U dan juri li f'dik il-lejla kien ir-riħ. Jien irrid ngħid li jekk xi ħalliel skassa t-tieqa minn naħa ta' barra, ma kienitx ħaġa diffiċli li jaqa xi ħġieġ għan-naħa ta' barra...It-tieqa setgħet ingħalqet bir-riħ....Seta' ġara dan, Spettur, jew le?

Spettur: Iva, sinjur.. setgħa ġara dan li qed tgħid.

Wilfrid: Delitti bħal dan li għandna quddiemna, jissebbija ngħid li dan l-aħħar żdiedu ħafna. Taqbel miegħi, Spettur?

Spettur: Iva, sewwa qed tghid.

Wilfrid: Wigibni ftit, Spettur.... Setghu xi zaghzagh dahlu fid-dar ta' Miss French bil-hsieb li jattakkawha u jisirquha?

Spettur: Iva.

Wilfrid: Seta' xi wiehed minnhom, wara li taha dik id-daqqa fuq rasha ntebah li qatilha u allura bil-biża dawn iz-zaghzagh telqu ~~jixx~~ jigru l-barra bla ma lahqu serqu xejn?

Spettur: Iva, dan setgha gara ukoll.

Wilfrid: Dawn iz-zaghzagh setgha dahlu ghand Miss French biex jisirqu flus u m'hux deheb u allura l-gjojjelli ma kienux jinteressawhom...setghu b ezghu imissMuhom ukoll .

Myers:: Sur President, nixtieq nigbed l-attenzjoni tal-Qorti ghal fatt li l-Ispettur Hearne ma jistax jkun jaf dak li kienu qed jahsbu dawk iz-zaghzagh li x'aktarx ma jeziztux.

Wilfrid: L-Imputat, minn rajh mar ghand il-Pulizija biex jaghmel id-dikjarazzjoni tieghu?

Spettur: Iva, minn rajh, sinjur.

Wilfrid: L-imputat, dejjem cahad li hu hati ta' dan id-delitt?

Spettur: Iva, sinjur.

Wilfrid: Spettur, jekk joghogbok, nixtieqek tezamina dik is-sikkina.

Spettur: Tajjeb.

Hoss: (Passi)

Wilfrid: (Wara pawsa zghira) Rajta xi darb'ohra dik is-sikkina?

Spettur: Iva, nahseb li rajta.

Wilfrid: Spettur, dik-is-sikkina ntebet fuq mejda fil-flat ta' Leonard Vole... Dik kienet uritielek il-mara ta' l-imputat stess, fl-ewwel laqa' li kellek maghha.

Myers : Sur President, biex ma nahlux zmien lil Qorti, irrid nghid li ahna nammettu li dik is-sikkina kienet ta' Leonard Vole u li nturiet lill-Ispettur minn Mrs. Vole.

Wilfrid: Hekk kien, Spettur?

Spettur: Iva, sinjur.

Wilfrid: Jekk ma nizbaljax, dik hija sikkina tal-haxix.

Spettur: Iva.

Wilfrid: Nixtieqek issa, tezamina x-xifer taghha... attent.... tmissx bux tassew lix xifer u l-ponta tieghha jaqtghu hafna?

Spettur: Iva, sinjur.

~~xixxxixxyxxxxxxgdxxxqxxxxxxixxxxxxx~~

Wilfrid: Kieku int kont qed ta, qta nghidu ahna, xi biċċa perżut u s-sikkina tiżleq fuq idek, tahseb li kienet taqtaghhielek idek?

Myers : Noggezzjona, Sur President...Din kwistjoni ta' opinjoni... opinjoni medika.

Wilfrid: Nirtira l-misteqsija, Sur President.... Spettur, minflok, ser nistaqsik: Tassew li l-Imputat, meta int staqsejtu dwar id-dbajja li nstabu fuq il-kmiem tal-glekk, urieḳ il-gerha li kellu f'idu u li qallek li dik kienet giet ikkagunata minn sikkina waqt li kien qed jaqta xi perzut?

Spettur: Iva.

Wilfrid: U Mrs. Vole qaltlek l-istess haga?

Spettur: L-ewwel darba, iva, imma, wara...

Wilfrid: Iva jew le, jekk jogħogbok. Il-mara ta' l-imputat, veru li urêtek dik is-sikkina u li qaltlek li zewga qata' idu waqt li kien qed jaqta il-perzut?

Spettur: Iva.

Wilfrid: Ghall-issa, xejn izjed, grazzi.

Myers : Spettur, tista' tghidilna x'gaghalek tezamina il-glekk ta' l-Imputat?

Spettur: Meta jiena tlabt biex nara hwejjgu, osservajt li l-kmiem tal-glekk kienu ghadhom kemm gew mahsula.

Myers : U qalulek li dak l-incident sar bis-sikkina li kienu juzaw fil-kcina.

Spettur: Iva, sinjur.

Myers : Urewlelek il-gerha li kellu f'idu Mr. Vole?

Spettur: Iva, sinjur.

Myers : Naghtu kaz li dik il-gerha giet ikkagunata b'dis-sikkina... Kien hemm xi haga li turi jekk dak l-incident sarx appesta?

Wilfrid: Sur President, jekk Mr. Myers behsiebu jwiegeb ghal misteqsijiet tighu stess, il-presenza tax-xhud tkun ghalxejn.

Myers : Ghandek ragun, Sir Wilfrid... Sur President, nirtira l-misteqsija tighi... Grazzi, Spettur, dak kollu.

Purtier: Dr. Wyatt!...

Pulizija Dr. Wyatt!... Dr. Wyatt!.....Dr. Wyatt!...

Hoss: (Passi resqin - jieqfu)

Dr.Wyatt Nehlef fuq den is-salib lix-xhieda li sejjer naghti, tkun il-verita' u xejn inqas mill-verita'.

Myers : Int hu Dr. Wyatt, veru?

Wyatt : Iva.

Myers : Int huwa t-tabib ~~tadadistrett~~ tal-Pulizija tad-distrett ta' Hampstead.

Wyatt : Iva.

Myers : Dr. Wyatt, jimperta jekk tghid lil Gurati dak li taf dwar il-mewt ta' Miss Emily French?

Wyatt : Fl-14 ta' Ottubru, fil-hdax ta' billejl, kont gejt imsejjah biex nezamina il-gisem tal-mejta Emily French. Wara li ezaminajt il-katavru, rajt li l-mewt giet ikkagunata minn daqqa ta' xi lembuba fuq rasha. Il-mewt aktarx kienet istantanea. Mit-temperatura u xi fatturi ohra, jiena

: iddikjarajt li mietet xi siegha qabel ma gejt insejjeh u f'ebda kaz, aktar minn siegha u nofs, jgifieri, bejn id-disg u nofs u l-ghaxra ta' bil-lejl.

Myers : Tahseb li Miss French ippruvat tiddefendi ruhha?

Wyatt : Ma kien hemm xejn li juri li Miss French ippruvat tissielet mal-qattiel taghha... Jiena nghid li giet mahbuta ghal gharrieda.

Myers : Grazzi, tabib.. xejn izjed.

Wilfrid : Dr. Wyatt... id-daqqa li rceviet Miss French, fuq rasha sewwa kienet tidher? Daqqa wahda, tahseb li tawha?

Wyatt : Iva, daqqa wahda...Fuq l-iskutella ta' rasha, n-naha tax-xellug.

Wilfrid : Nixtieq naf il-post sewwa.

Wyatt : Sewwa sew wara widnita x-xellugija.

Wilfrid : Tabib, nixtieqek tghidli jekk daqqa bhal dik setghetx giet moghtija minn bniedem xellugi.

Wyatt : Difficli li tghid iva jew le...Id-daqqa tidher li giet moghtija direttament minn wara ghaliex il-gerha kienet tidher perpendikulari. Jiena nghid li m'hux possibli li tghid jekk id-daqqa gietx moghtija minn ragel xellugi jew le.

Wilfrid : Tabib, s'issa ghadna ma nafux jekk min qatel kienx ragel jew mara. Issa, nixtieqek twigibni ghal dil-mistoqsija. Taqbel int, li d-daqqa setghet giet moghtija minn id xellugija?

Wyatt : Kollox jista' ikun, imma jien nghid li hu difficli li wiehed ikun sgur.

Wilfrid: Waqt li nghatat id-daqqa, possibbli li d-demm tar fuq dik l-istess id li kienet qeghda taqtel?

Wyatt : Iva, m'hemm dubju.

Wilfrid: Dr. Wyatt, tahseb li min ta dik id-daqqa kien jehtieg sahha kbira?

Wyatt : Le....ma kienx mehtieg,den.

Wilfrid: Igifieri, ma kienx mehtieg li jkun ragel bilfors, hux veru? Setghet kienet mara wkoll.

Wyatt : Iva.

Wilfrid: Grazzi, tabib.

Purtier: Janet MacKenzie!

Pulizija Janet MacKenzie!... Janet MacKenzie!....Janet MacKenzie!...

Hoss: (Passi resqin - jieqfu)

Janet : Nahlef.......

Purtier: B'idek l-ohra jekk joghogbok.

Janet : Nahlef quddiem Alla lix-xhieda li sejra naghti, tkun il-verita u xejn inqas mill-verita'.

Janet : Iva, hekk jisimni.

Myers : Int kont il-Gevernanti tal-mejta Miss Emily French.

Janet : Iva, jien kont il-Gevernanti taghha.

Myers : Kemm kont ilhek maghha?

Janet : Ghoxrin sena. Daqshekk kont ilhi niehu hsiebha....Miss French kienet tavdani... Hija kienet thalli kollox f'idejja. Ghaliehe kont qisni omma.

President: Miss MacKenzie, jekk joghogbok indirizza lil Qorati.

Myers : Miss MacKenzie, tista' tghidilna Miss Emily French xi kwalita' ta' mara kienet?

Jnaet : Kienet mara li taf thobb... Nahseb li f'dil-haga, kienet xi ftit esagerata...L-Imhabba, x'imdaqqiet kienet titlifha minn sensiehe...B'kelma li wiehed kien jghidilha, kienet tintilef warajh.

Myers : Lill-Imputat Leonard Vole, meta rajtu l-ewwel darba?

Janet : Jekk ma nizbaljax, kien gie id-dar ghal habta ta' l-ghaxra ta' Awwissu.

Myers : Kien jigi spiss id-dar?

Janet : Ghall-ewwel, beda jigi darba fil-gimgha, imma mbaghad, beda jigi aktar spiss, darbtejn jew tliete fil-gimgha. Kien joqoghod bilqeghede hdejha fis-sala.

Myers : Gie li smajthom jitkellmu?

Janet : Iva.

Myers : Xi kliem kien jghidilha?

Janet : Kliem vojt.

Myers : U dal-kliem vojt, tista' tghidilna x'kien?

Janet : Kien jghidilha li ma kienitx tidher kbira daqskemm gha kellha żmien u kull meta kien jaraha tilbes xi libsa gdida, kont tarah jfahharielha u jghidilha kemm kienet tidher zaghzugha.

Myers : Tajjeb, issa, Miss MacKenzie, jekk joghogbok, nixtieqhek tghid lil Qorati dwar dak li gara fl-14 ta' Ottubru.

Janet : Kien il-Gimgha. Dak inhar, jien, kien imissni franka u ghalhekk kont sejra inzur lil wahda habiba tieghi fl Glenister Road, xi tliet minuti l-boghod mid-dar. Hrigt f'xis-se bgha u nofs. Lil habiba tighi kont weghedta li ghandhi nurihe disinn ta' bicca xoghol li kont qeghede nirrakkma. Meta wasalt ghandha intbaht li dak id-disinn kont insejtu warajja u ghalhekk, wareli kilna xi haga, irgajt l-ura ghalieh. Kienet lejla sabieha u billi ma kienx hemm boghod mort bil-mixi. Wasalt id-dar f'xid-diegha u hamsa u ghoxrin minuta. Fteht bić-ćavetta u tlajt tiela fuq, fil-kamra tieghi. Kif ghaddejt minn quddiem is-sala, smajt lill-Imputat qed jithaddet ma' Miss French.

Myers : Kont sgura li kien l-imputat li smajt jitkellem?

**Janet:** Ma tantx stajt niehu ħsieb... Lehnu kont drajt sewwa ghaliex kont nisimghu kulljum. Huma kienu qed jitkellmu bejniethom... Billi dak li kienu qed jghidu ma kienx jinteressani, bqajt tiela fuq, hadt id-disinn tar-rakkmu u rgajt hrigt ghal ghand il-habiba tighi.

**Myers:** Miss MacKenzie, irridhek tghidli sewwa il-hinijiet... tghaggilx twigibni ghaliex dawn huma mportanti u irridhek tghidemli ezatti. Int ghedtilna li rgajt dhalt id-dar, fid-disgha u hamsa u ghexrin minuta.

**Janet:** Meta hrigt minn ghand il-habiba tighi, kienu d-disgha u ghexrin daqqu.

**Myers:** U kif kont taf x'hin ~~kien~~, Miss MacKenzie?

**Janet:** Mill-arlegg li kellha l-habiba tighi, fuq ic-cumnija. Dak il-hin qabbilt l-arlegg tighi ma' taghha....kienu t-tnejn jimmarkaw l-istess hin.

**Myers:** Int ghedtilna li mid-dar ta' Miss French ghal ghand il-habiba tighek kien hemm bejn tlieta jew erba' minuti mixi u ghalhekk wasalt id-dar fid-disgha u hamsa u ghexrin minuta. X'hin wasalt l-ura ghand il-habiba tighek?

**Janet:** Ma domtx aktar minn ghaxar minuti. Id-disinn ma domtx infittxu wisq ghaliex kont naf fejn hallejtu.

**Myers:** U X'ghamilt, imbaghad?

**Janet:** Irgajt l-ura ghand il-habiba tighi...Hija hadet gost hafna bid-disinn li hadtilha...Domt ghandha sal hdax nieqes ghexrin, sellimtilha u mill-gdid tlaqt lejn id-dar. Kif wasalt, bqajt diehla fis-sala biex nara s-sinjura tridx xi haga qabel immur norqod.

**Myers:** U x'rajt meta dhalt fis-sala?

**Janet:** Lis-sinjura... mixhuta wicca l-isfel ma' l-art...rasha kienet kellha dmija...Il-kxixen kienu miftuha u biċċa minnhom mixhuta fl-art...Kollox kien jidher imqalleb...Il-vażun tal-fjuri kien miksur u l-purtieri kienu qed jittajru mar-rieh.

**Myers:** Imbaghad, x(ghamilt?

**Janet:** Ittelefonajt lil Pulizija.

**Myers:** Id-dehera li kellhek quddiemhek, f'dak il-hin, igifieri, l-oggetti li rajt imqalba... id-disordni li kien hemm fis-sala ... tathek x'tifhem li dak kien każ ta' serq?

**Wilfrid** ~~[illegible]~~: Sur President, jiena nipprotesta bil-qawwa kollha.

**Pres.** Mr. Myers, lix-xhud m'inhix ser inhallliha twieqeb ghalk-mistoqsija li ghamiltilha... Dik-mistoqsija ma kienx imissek ghamiltha.

**Myers:** Allura, Miss MacKenzie, nistaqsik hag'ohra...X'ghamilt wara li t-telefonajt lil Pulizija?

**Janet:** Bdejt infittex mad-dar kollha.

**Myers:** Ghalfejn?

**Janet:** Biex nara kienx hemm xi hadd.

**Myers:** Sibt lil xi hadd?

**Janet:** Le. Minbarra s-sala, fil-kmamar l-ohra kollox kien f'postu.

**Myers:** X'kont taf dwar Leonard Vole?

Jnaet : Kont naf li kien bzonn il-flus.

Myers : Lil Miss French, qatt talabha flus?

Jnaet : Le, sa fejn naf jien... ma nahsibx li kien daqshekk ibleh.

Myers : Lil Miss French, l-imputat, kien jghina iżżomm xi kotba ta l-intrejtu li kellhom kien jimlielha ukoll xi formoli ta' l-Income Tax, veru?

Jnaet : Iva...imma dan ma kienx hemm għalfejn jagħmlu.

Myers : X'igifieri, Miss MacKenzie?

Janet : Miss French ma kellha bżonn hadd... qabel ma gie d-dar Mr. Vole, hi kienet iżżommhom il-kotba u timla l-formoli.

Myers : Int kont taf xi haga dwar it-testment li kienet ghamlet Miss French?

Janet : It-testment ghamlitu kemm il-darba...Miss French kienet mara sinjura u kellha fahma flus xi thalli warajha...Min jigi minnha ma kien baqa' hadd u ghalhekk kienet tghid li flusha ghandhom imorru fejn l-akter jaghmlu gid. Darba minnhom kienet kitbet kollox lill-Ultiema u darb'ohra lill-Istitut tax-xjuh, imbagħad, regghet biddlet it-testment u halliet gidha biex tinbena spizerija ghall-annimali... dejjem l-istess haga gara... tiggieled ma' dak li jkun u mill-dgid tibdel it-testment.

Myers : Taf tghidilna meta ghamlitu l-ahhar testment?

Janet : Iva. Fit-tminja ta' Ottubru. Kont smajtha titkellem ma' l-Avukat taghha, Mr. Stokes. Kont smajtha tghidlu biex jerga' imur l-ghada ghaliex riedet taghmel testment iehor... L-ghada hu kien gie fil-hin....

Myers : Min gie fil-hin?

Janet : L-I putat... Mr. Leonard Vole.... Niftakar, huwa beda jipprotesta...beda jghidilha: "Le, le... dan, m'ghandhekx xi tridu" u s-sinjura, wigbitu:"Din hi x-xewqa tighi, ghaziz Leonard...Ftit ilu kienet ghedda tajritni karrozza... dan, jista' jerga' jigri u ghalhekk shjar inlesti kollox."

Myers : Taf tghidilna it-testment ta' qabel l-ahhar wiehed, meta kienet ghamlitu?

Janet : Ghal habta tar-rebbiegha.

Myers : Miss MacKenzie, int kont taf li Leonard Vole kien mizzewweg?

Janet : Le... Anqas is-sinjura ma kienet taf.

Wilfrid: Neggezzjona, Sur President....Dak li kienet taf jew dak li ma kienitx taf Miss French, ma tistax tghidu x-xhud.

Jnaet : Ahna nistghu nesprimu ruhna xort'ohra... Ifhimni tajjeb, Miss MacKenzie... Int minghalik li Miss French kellha f'rasha li Leonard kien guvni...Tista' tghidilna x'ragunijiet kellhek biex tahseb hekk?

Janet : Kien hemm il-kotba li kienet ordnat mill-librerija...Dawn, kienu jidhaddtu minn dawk in-nies li kienu jiżżewwgu rgiel iżgħar minnhom...Jiena kont naf x'kellha f'rasha.

Pres. : Nibża li dan ma stajtx tkun tafu, Miss MacKenzie.

Jnaet : Ghaliex, Sur President?

Pres. : Sinjuri Gurati, jidhirli li mara m'hux mehtieg li taqra l-kotba biex tiddeciedi tiżżewweg ragel iżgħar minnha.

Myers : Miss MacKenzie, Leonard Vole, qatt semmieha lil martu?

Janet : Le, qatt.
Myers : Grazzi.... dak kollox, Sur President.
Wilfrid: Miss MacKenzie, jiena m'ghandi ebda dubju mir-rispett li kellhek ghas-sinjura tighek......

Janet : Is-sinjura tighi kent inhobba daqs ommi.

Wilfrid: Ghandi nahseb, wara dak iż-żmien kollu li kent ilhek maghha, kellhek influenza kbira fuqha... xi tghid?

Janet : Jista' jkun.

Wilfrid: Fit-testment li ghamlet Miss French, fir-rebbieghe, kienet kitbet kollox lilhek... Kont tafu dan, int?

Janet : Iva.. Kienet qaltli hi stess... Kienet tghidli: "Janet, hallejt kollox lilhek...nittama l-int taghmel użu tajjeb mill-flus li hallejtlhek."

Wilfrid: Din l-espressjoni turi li Miss French kellha fiducja kbira fik..... Fit t-estment li ghamlet ftit wara, lilhek hallietlhe biss renta ċkejkna... u l-kumplement hallietu lil Leonard Vole.

Janet : Tkun ingustizzja kbira jekk ifettillu imiss sold wiehed biss minn dawk il-flus.

Wilfrid: Int ghedtilna li Miss French ma kellhiex hbieb jew min jigi minnha.... Tista' tghidilna ghaliex ma kellhiex hbibb?

Janet : Ghaliex ftit li xejn kienet tohrog mid-dar.

Wilfrid: Meta Miss French ghamlet habiba ma' Leonard Vole, int ma hadtx gost, hux tassew?

Janet : Le.

Wilfrid: Ghaliex?

Janet : Ma riedtx nara min jindahlilha... min jikkmandaha.

Wilfrid: Imma int ~~ammettejt~~ ammettejt li Leonard Vole ma kienx jindahlilha... Forsi trid tghid li ma riedtx tara lil Miss French tigi influenzata minn haddieher, veru?

Janet : Is-sinjura tighi kienet tiehu l-kelma tighu, x'imdaqqiet, aktar milli kien imissha.

Wilfrid: Trid tghid aktar milli kent tixtieq int, persunali.

Janet : Iva... dan, ma nichdux... jien dan, kent naghmlu ghal gid taghha.

Wilfrid: Allura ahna ghandna nifhmu li l-imputat kellu influenza kbira fuq is-sinjura tighek u li din kienet iggibu hafna.

Janet : Iva...kif qed tghid int.

Wilfrid: Igifieri, kieku Leonard Vole talabha xi flus, ma kienitx tghi le... kienet ittieh, veru?

Janet : Dan, jien, m'ghedtux.

Wilfrid: Ma fejn taf int, Leonard Vole, qatt ma ha flus minn ghandha?

Janet : Le.... imma dan, ma jfissirx li hu ma jppruvex jiehu xi flus.

Wilfrid: Nergghu ghal 14 ta' Ottubru... Int ghedt li smajt lill-Imputat u lil Miss French jitkellmu flimkien...Xi smajthom jghidu?

Janet : Kliemhom ma stajtx nifhmu.

Wilfrid: Igifieri, int, smajt biss lehinhom?

Janet : Iva... u smajthom jidhqu wkoll.

Wilfrid: Int smajt lehen ta' ragel u lehen ta' mara u fl-istess hin smajthom jidhqu wkoll...Qed nifhmek sewwa?

Janet : Iva.

Wilfird: Smajt lehen ta' ragel u lehen ta' mara jidhqu flimkien... Ma fhimtx x'kienu qed jghidu...U x'~~ghalhek~~ tkun sgura li dak il-lehen ta' ragel kien ta' Leonard Vole?

Janet : Lehnu jien nafu tajjeb.

Wilfrid: Jekk ma nizbaljax, int ghedt li l-bieb kien maghluq.

Janet : Iva....kien maghluq.

Wilfrid: Int smajt zewg ilhna minn bieb maghluq u tahlef li l-lehem li smajt kien ta' Leonard Vole...Jien nghidlek li dan hu pregudizju ikreh minn-naha tighek, Miss MacKenzie.

Janet : Jiena sgura li dak il-lehen kien ta' Leonard Vole.

Wilfrid: Jekk fhimthek sewwa, int ghaddejt darbtejn minn quddiem il-biebta' Miss French. Darba int u tiela fil-kamra tighek u darb'ohra int u hierga.

Janet : Iva.

Wilfrid: Bla dubju... f'dak il-hin int kont mghaggla biex terga' l-ura ghand il-habiba tighek bid-disinn tar-rakkmu, veru?

Janet : Ma kellix ghaggla kbira.. Jien kellhi l-hin kellu tighi.

Wilfrid: Dak li jrrid ifisser huwa li f'dak il- hin, int ghaddejt tghaggel minn quddiem dak il-bieb.

Janet : Kelli zmien bizzejjed biex nisma dak li smajt.

Wilfrid: Miss MacKenzie, m'irridx nahseb l-int trid iggighel lil-sinjuri Gurati jahsbu l-int mort tissamma wara dak il-bieb, hux tassew?

Janet : Le...dan, jien, qatt m'ghamiltu. Kelli bizzejjed fiex nghaddi iz-zmien.

Wilfrid: Sewwa wisq... Issa, wigibni ghal dan... Int irregistrata fin-National Health Insurance, hux veru?

Janet : Iva... Inhallas 4/6 fil-gimgha...Wisq ghal mara bhali bis-salarju li ghandi.

Wilfrid: Naf, naf.... hafna jahsbu bhalhek... Jekk gejt infurmat sewwa, ftit ilu, int tlabt ghall-apparat tas-smiegh.

Janet : Iva... Kont applikajt ghalieh sitt xhur ilu...s'issa ghadhom ma tawni xejn.

Wilfrid: Miss MacKenzie, dan ifisser l-int ma tantx tisma tajjeb... Sewwa qed nghid? (B'lehen baxx) Jekk nghidlek l-int ma stajt taghraf il-lehen li smajt minn wara dak il-bieb maghluq, xi twigibni? Smajtni x'ghedtlek?

Janet : Jekk ma tghajjatx ftit ma ~~[illegible]~~ nisimghekx.

Wilfrid: Ma smajtnix u qeghede xewg passi boghod minni u dak inhar b'dak il-bieb maghluq smajt u gharaft il-lehen ta' l-imputat, meta dan, skterx li kien qed jitkellem bil-mod ma' Miss French.

Janet : Hu kien u hadd izjed. Iva, hu kien....

Wilfrid: Int trid li b'kull mod ikun hu...Int, bla ebda xhieda ta' xejn, wahhalt f'rasek li Leonard Vole hu l-qattiel ta' Miss Emily French.

Janet : U min jista' jkun il-qattiel jekk m'hux hu?

Wilfrid: Hekku, sinjuri Gurati.... "Min jista' jkun jekk m'hux hu?" Ix-xhud hija ppregudikata kontra l-imputat... Ghalicha ma jistax jkun haddiehor.... Ghidli ftit, Miss MacKenzie... X'inhaqqiet, Miss French ma kienitx tiddejjaq wahidha bla ma taghmel xejn?

Janet : Le.. Miss French ma kienitx wahidha...Maghha kien hemm jien... kien hemm il-kotba li kont ingibilha mill-librerija.

Wilfrid: Ir-radju kienet thobb tisimghu?

Janet : Iva.. spiss kienet toqghod tisimghu.

Wilfrid: Kienet thobb tisma xi tahdida jew xi play tajba?

Janet : L-akter li kienet thobb tisma, il-plays... dawn kienet thobbhom hafna.

Wilfrid: U allura, f'dik il-lejla, meta int irgajt l-ura d-dar u ghaddejt minn quddiem is-sala li kienet maghluqa fiha, ma stajtx smajt ir-radju minflok li smajt lis-sinjura titkellem ma Leonard Vole? Dak l-ilhna li smajt u dak id-dahq, ma setghx kien gej minn fuq ir-radju?....Dak inhar, minn fuq ir-radju kienet qeghede tixxandar play, jisimgha, " LOVERS LEAP" .

Janet : Le... Jien m'hux ir-radju smajt.

Wilfrid: Ghaliex le?

Janet : F'dik il-gimgha, ir-radju ma kienx id-dar... Konna baghtnieh ghat-tiswija.

Wilfrid: Miss MacKenzie, kieku is-sinjura tighek qaltlek li kellha l-hsieb li sojra tizzewweg lil Leonard Vole, kont tinkwieta ruhek xi ftit?

Janet : Naturali li kont ninkwieta ruhi...Dan kien ikun gaan taghha.

Wilfrid: Gaan ghaliex forsi Leonard Vole kien jgeghelha tilliçenzjak, hux veru?

Janet : Wara z-zmien li kont ilhi maghha, dan ma kienitx tasal biex taghmlu.

Wilfrid: Int ma tistax tghid x'kienet tasal taghmel, l-akter jekk is-sinjura tighek kienet tkun influenzata minn Leonard Vole.

Janet : Sewwa qieghed tghid... Iva, bla dubju... biex jehles minni, dan, kien juzagha l-influenza tighu.

Wilfrid: Allura dan ifisser li Leonard Vole kien qieghed jinminaċċja il-gag hada tighek f'dik id-der, veru?

Janet : Iva.... Dan, ma nibżax nghidu.... mindu dahal id-dar, dbiddlu hafna drawwiet...Iva...xejn ma baqa' bhal qabel.

Wilfrid: Allura, nahseb li din hi r-raguni l-int ippregudikata kontra l-imputat....Grazzi, Sur President...dak kollox.

Myers : Miss MacKenzie, il-habib tighi Sir Wilfrid, ghamel kemm setgh biex jgeghelhek tghid ~~tghid~~ l-int tobghod lill-Imputat.

Wilfrid : Kelma zejda, Mr. Myers.

Myers : Miss MacKenzie, qatt gheddhielek minn rashek lis-sinjura tigh tista' tissewweg lill-Imputat?

Janet : Iva, dan, ghadni kemm ghedtu ftit ilu.

Myers : Iva, naf.... Allura int tahseb li l-imputat kellu daqshekk influenza fuq is-sinjura tighek li jwassalha tilliċenzjak?

Janet : Xtaqt nafah jippreva jaghmlu dan... Ibqghu aguri li ma kienx jirnexxilu.

Myers : L-imputat qatt wera li ghandu x'antipatija ~~mighek?~~ lejk?

Janet : Le... Mr. Vole ghaqli bizzejjed.

Myers : Mistoqsija ohra, Miss MacKenzie... Int ghedtilna li minn wara dak il-bieb maghluq, gharaft il-lehen ta' Leonard Vole. Tista' tghid~~ilna~~ lil Qurati kif irnexxielhek taghmlu dan.

Jnaet : Biex wiehed jaghraf lehen dak li jkun m'hux mehtieg jifhem dak li jkun qed jghid.

Myers : Grazzi Miss MacKenzie.

Jnaet : Nista' immur?

Registratur Iva, ghall-issa, grazzi.

Myers : Sejhu lil Thomas Clegg.

Purtier : Thomas Clegg!... ~~Y~~

Pulizija: Thomas Clegg!.. Thomas Clegg!...

Hoss (Passi )

Myers : Int,Thomas Clegg?

Clegg : Iva, sinjur.

Myers : Int ~~x~~'assisitent fil-Laboratorju ta' Scotland Yard.

Clegg : Iva, sinjur.

Myers : Dak il-cost tgharfu?

Clegg : Iva, kien giebu fil-Laboratorju Inspector Hearne.

Myers : Ghalfejn giebu l-Laboratorju?

Clegg : Biex naraw kienx fih xi dbajja tad-demm.

Myers : Tista' tghidilna x'rizultat kien hemm?

Clegg : Il-kmiem tal-cost kienu ghadhom kemm gew mahsula u mill-ezami li ghamilt nista' nghid li fihom xi dbajja tad-demm.

Myers : Tista' tghidilna ~~ġ~~a' liema tip hu d-demm li sibt?

Clegg : Iva... Tip O.

Myers : Tawk xi demm biex tezaminah?

Clegg : Iva... Iva tawni d-demm ta' Miss Emily French... Dan kien tip O wkoll.

Myers : Grazzi, Mr. Clegg.

Wilfrid: Mr. Clegg, ghadek kemm ghedt lil Mr. Myers li waqt l-ezami tighek sibt xi dbajja tad-demm fuq il-kmiem tal-~~ĝakkett~~...demm id-dbajja fuq iz-zewgt-ikmiem sibthom?

Clegg : Iva, sinjur.

Wilfrid: U jiena nghidlek lid-dbajja li sibt kienu fuq kemma wahda.... fuq dik ix-xellugija.

Clegg : Stenna..... Iva... ghandek ragun... jiddispjacini... hadt zball.... kif ghedt int.. fuq ix-xellugija.

Hoss: (Agha ta' nies)

Wilfrid: Allura ghandi nifhem li l-kemma x-xellugija biss giet mahsula.

Clegg : Iva... ix-xellugija biss.

Wilfrid: Taf int, Mr. Clegg, li l-Imputat kien qal lil pulizija li kien qata' idu u li kien ĉappas il-kemma bid-demm?

Clegg : Iva, smajthom jg idu.

Wilfrid: Mr. Clegg, hawnhekk ghandi ĉertifikat li jiddikjara li Leonard Vole gie li effra li jaghti demm lil xi pazjenti li jinsabu fl-Isptar ta' Londra. Id-ĉertifikat ikompli jghid lid-demm tighu huwa tip O, jigifieri l-istess tip ta' demm l-int sibt fuq dik il-kemma.

Clegg : Iva, sewwa qed tghid.

Wilfrid: ~~Myers :~~ Grazzi, Sur President...

Myers : Mr. Clegg, jekk ma nizbaljax, id-demm ta' tip O, huwa komuni hafna, veru?

Clegg : Iva... tnejn u sebghin fil-mija mill-popolazjoni taqa' taht dan it-tip.

Myers : Grazzi..... xejn izjed..... Sejhu lil Romaine Heilger (the unrest)

Purtier: Romaine Heilger!

Pulizija Romaine Heilger! Romaine Heilger!.....

Hoss: (Hossi - agha ta' nies)

Purtier: Silenzju!....

Hoss: (L-agha tiskot)

Romaine: Nehlef lix-xhieda li sejra naghti tkun il-verita u xejn inqas mill-verita'.

Myers : Int jismek Romaine Heilger?

Romaine: Iva.

Myers : Int qeghda tghix bhala l-mara ta' Leonard Vole, veru?

Romaine: Iva.

**Myers :** Imma, int, il-mara tighu?

**Romaine:** Jiena kont lizzewwigtu biex hliest minn taht idejn il-Germaniżi u m'hux ghaliex kont inhobbu.

**Wilfrid:** Sur, President jiena noggezzjona bil-qawwa kollha li l- Qorti tisma x-xhieda ta' din il-mara.

**Myers :** Ma narax ghaliex dan ix-xhud m'hux kompetenti, Sur President. Ghalkemm forsi din il-mara ma thossx dik l-imhabba li soltu ikun hemm bejn il-mara u r-ragel, hija qeghda tghix mighu u ghalhekk tista' tghidilna dak kollu li gara f'dil-lejla tad-delitt.

**Pres. :** Sir Wilfrid, ix-xhud huwa kompetenti u ghalhekk, Mr. Myers, tista' tkompli l-mistoqsijiet tieghek.

**Myers :** Mrs. Heilger, qabel inkompli, nixtieqhek tghidli jekk tridx tixhed kontra l-imputat Leonard Vole li kont qeghda tghix mighu bhala ragel tieghek.

**Romaine:** Jiena lesta nghid dak kollu li naf.

**Leonard:** (B'lehen gholi) Romaine!... Ghaliex gejt hawn? Xi kliem hu li ghedt? Taf x'ghedt?

**Pres. :** Silenzju!... Mr. Vole, bhal ma nahseb li qallek l-Avukat tieghek, meta jasal il-waqt int tkun tista' titla tixhed biex tiddefendi ruhek.

**Myers :** Mrs. Heilger, tista' tghidli dak li gara dak inhar ta' l-14 ta' Ottubru?

**Romaine:** Dak inhar filghaxija jiena bqajt id-dar il-hin kollu.

**Myers :** U Leonard Vole?

**Romaine:** Leonard Vole hareg xis-sebgha u nofs.

**Myers :** U x'hin reġa' l-ura?

**Romaine:** Fl-ghaxra u ghaxra.

**Leonard:** (B'lehen gholi) M'hux tassew!... Romaine, int taf li qed tghid kelma b'ohra... Meta jiena dhalt id-dar, kienu id-disgha u hamsa u ghoxrin.

**~~Wilfrid~~ mayhew:** Iskot, Mr. Vole... Oqghod bilqeghda.

**Leonard:** Sir Wilfrid... Marti m'hix tghid il-verita'.

**Wilfrid:** Ghedtlek oqghod bilqeghda... halli lili nitkellem ghalik.

**Leonard:** (Kommoss) Romaine... min ġaghalhek tghid hekk? Ghadni ma nistax nifhem xi grallek... ma nistax nifhem.

**Myers :** Mrs. Heilger, ghedtli li Leonard Vole dahal id-dar fl-ghaxra u ghaxra.... X'gara,wara?

**Romaine:** Leonard kien jidher b'nifsu maqtugh...agitat...Kif wasal id-dar, nehha malajr il-coat u beda jeżamina l-kmiem, imbaghad qalli biex nahsilhomlu malajr... dawn kienu jidhru imċappsa bid-demm.

**Myers :** U int, x'ghedtlu?

**Romaine:** Ghedtlu: " X'ghamilt, Leonard? X'ifisser dan id-demm?"

**Myers :** U l-Imputat, x'wiegbhek?

Romaine: Qalli: "Qtiltha"

Leonard: (B'lehen gholi) M'hux veru.... qed nghidilkhom m'hux veru..

Pres. : Ikkalma, Mr. Vole, ikkalma.

Leonard: Kollu kliem b'ieher.... M'hux veru... m'hux tassew.

Pres. : Mrs. Heilger.... Taf x'inti tghid?

Romaine: M'hux il-verita' triduni nghid?

Myers : Ghedtilna li l-Imputat qallek li qatilha.... Taf ghal min kien qed jghid?

Romaine: Iva, naf... Kien qed jghid ghal dik il-mara xiehe li kien imur ižur ta' sikwiet.

Myers : Imbaghad, x'gara?

Romaine: Qalli biex jekk nigi misteqsija nghid li f'dik il-lejla huwa baqa' d-dar mieghi l-hin kollu, l-aktar fil-hin tad-disgh u nofs... Jien, wigibtu: Il-pulizija taf li qtiltha? Qaali: "Le... Il-pulizija tahseb li qatilha xi hadd biex jisraqa. Tinsiex - rega' qalli - fid-disgha u nofs kont id-dar mieghek'

Myers : Imbaghad, il-pulizija, ghamlitlhek xi misteqsijiet?

Romaine: Iva.

Myers : Staqsewk jekk fid-disgha u nofs, dak inhar, Leonard Vole, kienx mieghek id-dar?

Romaine: Iva.

Myers : U int, x'wigibthom?

Romaine: Ghedtilhom li kien mieghi.

Myers : Imma issa, int, qeghda tghid hag'ohra. Ghaliex?

Romaine: Ghaliex fin-nofs hhmmdeilitt....Taht il-gurament, nnanistax nghid kelma b'ohra biex nehles lil Mr. Vole mill-akkuža Jiena nizzieh hajr ghal dak li ghamle mieghi.... Huwa jžžewwigni u giebni f'dan il-pajjiž...Se ftit ilu, jiena kont naghmel dak kollu li jghidli...dan kont naghmlu ghaliex kont inhossni obbligata lejh.

Myers : Ghaliex kont thobbu?

Romaine: Le... jiena qatt ma habbejtu.

Leonard: Romaine!....

Romaine: Le.... Qatt ma habbejtu.

Myers : Ghedtilna li kont thosshok obbligata lejn l-Imputat....Mr. Vole giebhek f'dan il-pajjiž...Fid-delitt li ghamel, huwa talbhek biex tghinu bix-xhieda tieghek...Qabll-ewwel, int, ghedtlu iva, imbaghad wara, hassejt li m'ghandhekx tghid dak li m'hux minnu.

Romaine: Precisament.

Myers : Hassejt li kont ser taghmel hazin jekk tixhed kif qallhek hu

Romaine: Ga ghedtlek... fin-nofs hemm delitt....Jien ma nistax nghid li waqt li sar dak id-delitt, Leonard kien hdejja.... dan, ma nistax naghmlu...le, ma nistax naghmlu ....

Myers : Allura, x'ghamilt?

Romaine: Jien m'gharaftx dak li kellhi naghmel... Billi jiena barranija minn dan il-pajjiż, ktibt ittra lill-Ambaxxatur taghna u ghedtlu li jien irrid nghid il-verita'.

Myers : Igifieri, dak li ghedt huwa l-verita'. Leonard Vole, dak inhar rega' l-ura d-dar fl-ghaxra u ghaxra...Fuq il-kmiem tal-coat kellu xi dbajja tad-demm u lilhek qallhek: "Qtiltha" Din hi l-verita', veru?

Romaine: Iva..... Il-verita'.

Myers : Grazzi.

Hoss: ( Agha ta' nies)

Pres. : Silenzju!....

Wilfrid: Mrs. Heilger.... Int ghedtilna li/Leonard Vole, int ma thobbux.... Qatt urejtu b'dan?

Romaine: Le.

Wilfrid: U fl-istess hin, int, kont thossok obbligata lejh.

Romaine: Iva.

Wilfrid: U issa din-ir-rikonoxxenza urejta billi gejt f'din il-Qorti biex tixhed kontra tighu.

Romaine: F'din il-Qorti ikolli nghid il-verita'.

Wilfrid: Allura, dik hi l-verita'?

Romaine: Iva.

Wilfrid: Jiena nghidlhek l-int m'inthix tghid hlief kliem b'iehor. Fil-lejla ta' l-14 ta' Ottubru, fid-disgha u nofs, waqt li sar dak id-delitt, Leonard Vole kien id-dar mighek... L-istorja li ghedtilna m'hix hlief qlajja tighek...Int, ghal xi raguni jew ohra, ghandhek kontra l-imputat u issa giek il-waqt u pprofittajt ruhek minnu....Ħiedt b'dik il-maniera.

Romaine: Nerga' nghidlek... jien ghedt il-verita'.

Wilfrid: Taf, hux tassew li qegheda tixhed taht il-gurament?

Romaine: Iva, naf.

Wilfrid: Inwisshik, Mrs. Heilger, li jekk l-imputat ma jfisser xejn ghalik, ghall-inqas nitolbek li tibza ghalik in-nifshek..... Il-piena ghal gurament falz, f'pajjiżna, hija harxa hafna.

Myers : Sur President, Ma nafx kemm jista' jiswielhom gid, il-gurati, li jisimghu kliem bhal dan... Lis-sinjuri Gurati nitlobhom jiftakru li Mrs. Heilger ma qalitx hlief il-verita'.

Pres. : Mr. Myers.... Dan huwa guri kapitali u ghalhekk sakemm hu possibbli lid-difiza irrid intiha l-facilitajiet kollha. Sir Wilfrid, tista' tkompli.

Wilfrid: Grazzi, Sur President.... Mrs. Heilger, int ghedtilna li fuq il-kmiem tal-coat ta' Mr. Vole kien hemm xi dbajja tad-demm.

Romaine: Iva.

Wilfrid: Dawn id-dbajje, fuq iż-żewġt-ikmiem kienu jinsabu?

Romaine: Jien għedtilhom dak li qalli nghid Leonard Vole.

Wilfrid: Le, Mrs. Heilger.... Int għedt: " QALLI BIEX NAHSEL IR-RIVOLTI TAL-KMIEM LI KIENU MCAPPSA BID-DEMM."

Press. : Iva, Sir Wilfrid... għandek raġun... hekk qalet.

Wilfrid: Grazzi, Sur President..... Mrs. Heilger, int għedtilna ukoll li hsielt iż-żewġ rivolti.

Myers : Sur President... Il-habib tiegħi Sir Wilfrid, issa mar żball... Ix-xhud ma qalitx li haslet iż-żewġ rivolti jew li haslet wahda minnhom.

Wilfrid: Il-habib tiegħi, għandu raġun.... Mrs. Heilger, il-kmiem tal-qmis, int hsiltham?

Romaine: Iva.... Issa qegħeda niftakar.... kemm wahda kont hsielt.

Wilfrid: Grazzi.... Nahseb li l-memorja tiegħek dwar il-kumplament ta' l-istorja li għedtilna ma tiżtx wieħed jista' jorbot fuqa.... Jekk ma niżbaljax, lil Pulizija kont għedtilhom li d-demm li kien hemm fuq il-komma, kien ġie ikkaġunat mill-qata' li kellu f'idu l-imputat, waqt li kien qiegħed iqatta' il-perżut.

Romaine: Iva, hekk għedtilhom, imma dan, ma kienx minnu.

Wilfrid: U għaliex m'għedtx il-verita'?

Romaine: Ġa għedtilkhom... dak inhar jien għedt dak li qalli biex nghid Leonard Vole.

Wilfird: Allura, is-sikkina, Leonard ukoll qallhek biex turiha lil pulizija?

Romaine: Meta Leonard intebah li fuq il-komma kellu d-demm, qata' idu apposta biex dak id-demm jahsbuh tiegħu stess.

Leonard: Le!... Dan, m'hux minnu.... m'hux minnu.

Wilfrid: Oqogħod bilqegħeda... oqogħod bilqegħeda......Mrs. Heilger.... igifieri, int, temmetti li l-istorja li għedt lil Pulizija, kienet kollha kliem b'iehor...Dan juri li l-gideb huwa professjoni tiegħek.

Romaine: Nerġa' nghidlek li dak li għedt qalli biex nghidu Leonard stess.

Wilfrid: Dak l'irrid naf minnhek, hu, jekk kontx qed tghid kelma b'ohra dak inhar jew jekk inthix tghid kelma b'ohra il-lum. Jekk int bżajt mill-konsekwenzi ta' dak id-delitt, lil pulizija kien imissek għedtilhom il-verita'.

Romaine: Quddiem Leonard, dan, ma stajtx nagħmlu.... Jien bżajt minnu.

Wilfird: Bżajt minn Leonard Vole.... Bżajt minn dan ir-raġel l-int qed tipprova teqred mid-dinja bix-xhieda tiegħek...Nahseb li l-Qorti, f'qalbhom ġa iddecidew jekk għandhomx jemmnuk jew le.... Grazzi, Sur President... dak kollox.

Myers : Romaine Heilger... Sejjer nerġa' nistaqsik għal darb'ohra.... Irridek tghidli jekk ix-xhieda li tajt quddiem din il-Qorti, hix il-verita' jew le.

Romaine: Il-verita'.

Myers : Sur President, il-Prosekuzjoni m'għandha xejn izjed x'iżżid.

Pres. : Romaine Heilger... Tista' tmur....Grazzi.

Hoss: (Passi rpużati)

Leonard: Romaine!....

~~Purtier~~ Wilfrid: Mr. Vole... silenzju jekk jogħogbok....

Pres. : Sir Wilfrid, tista' tibda.

Wilfrid: Sur President... Sinjuri Gurati... Jien m'irridx nqiegħed quddiemkhom il-fatt li l-Imputat m'għandu x'jaqsam xejn mad-delitt li sar fuq il-persuna ta' Miss Emily French.... Fil-każ li għandna quddiemna, ix-xhieda qegħeda tgħajjat konta Leonard Vole. Jiena nixtieqkhom tiftakru lix-xhieda li smajna giet mibnija minn certi ċirkostanzi. Inthom smajtu lil pulizija u lil x'esperti oħra ~~jixxdu~~ li gew imsejha biex jagħdu dmirhom f'dan id-delitt...Huma xhedu dak li raw u osservaw waqt l-istħarrig tagħhom....Kontra dawn, jien m'għandi x'ingħid xejn....Huma qdew dmirhom bir-reqqa. Imbagħad, smajna ix-xhieda ta' Miss Janet MacKenzie u x-xhieda taċ dik il-mara li jsejjħulha nfisha Mrs. Romaine Vole. Sinjuri Gurati... Tistgħu inthom ma tissuspettawx lix-xhieda ta' dawn it-tnejn ma kienitx falza u studjata minn qabel biex tgħarraq lil Imputat Leonard Vole? Miss Janet MacKenzie, mħollija barra mit-testment tas-sinjura tagħha, mħabba l-ħbiberija li accidentalment daħlet bejn l-imputat u Miss French u Romaine Vole Heilger li jissewget lill-istess imputat biex jeħlisha mill-madmad tal-Germaniżi..... Dik li għadkhom kemm smajtu tgħid b'ilsiena stess li l-Imputat qatt ma ħabbitu.... Din il-mara għandha tkun obbligata wisq lejn Leonard Vole, anzi nista' ngħidilkhom li hija qatt ma tista' tpattilu l-gid li għamlilha... Hija nqdiet biż-żwieġ biex teħles minn persekuzjoni pulitika.... Hija qalet quddiemkhom li ma tħobbux u li qatt ma ħabbitu.... Hija laħqet l-iskop tagħha, igifieri dak li rnexxielha teħles mill-għadu u allura, issa, Leonard Vole ma jfisser xejn iżjed għaliha. Sinjuri Gurati, qabel inthom torbtu fuq ix-xhieda ta' Romaine Heilger, nixtieq inwissikhom li x-xhieda ta' din il-mara, hija mibnija fuq dik id-duttrina qarrieqa li tgħidilna li l-gidba, għandha tkun l-arma ta' dak li jrid jasal għal ħsieb ta' rasu.... Għal nies ta' din ix-xorta, aktar ma tkun kbira l-gidba, aktar tigi emnuta. Sinjuri Gurati, issa sejjer insejjaħ lil Leonard Vole.

Hoss: (Agħa ta' nies)

Purtier: Silenzju!

Hoss: (Passi)

Leosnrd: Jien Leonard Vole, naħlef li x-xhieda li sejjer nagħti tkun il-verita' u xejn inqas mill-verita'.

Wilfrid: Mr. Vole, minn dak li smajna, sirna nafu l-int kont ħabib ta' Miss Emily French. Irridek tgħidilna jekk kontx tmur iżżurha spiss.

Leonard: Iva, ta' sikwiet.

Wilfrid: U għaliex kont tmur hekk spiss?

Leonard: Miss French, kienet mara dhulija...lili kienet tirrispettani ħafna u għalhekk kont inħoss li għandi mmur naraha ta' sikwiet. Biż-żmien, jien sirt inħobba daqskemm kont inħobb lill-istess zija tiegħi.

Wilfrid: U din iz-zija li qed issemmi, x'kienet tfisser għalik?

Leonard: Dik li rabbietni.

Wilfrid: Lil Janet MacKenzie, smajtha tgħid li Miss French kienet taħseb l-int guvni u li kellha xi ħsieb ta' żwieġ fuqek. Dan, kien hemm xi ħaga minnu?

Leonard: Le... M'hux tassew.... Il-haieb biss li jiena niżżewweġ lil Miss French huwa tad-dahq.

Wilfrid: Miss French kienet taf l-int miżżewweġ?

Leonard: Iva.

Wilfrid: Igifieri, żwieġ bejnietkhom ma setghax isir.

Leoandr: Le. Bhal m'ghedtilkhom, hija kienet tistmani daqskemm kieku kont xi neputi taghha, anzi, biex nghid hekk, daqskemm kieku kont binha.

Wilfrid: U int, ghal dan ir-rispett li kienet turik, kont taghmel mill-ahjar biex turiha r-rispett tighek, veru?

Leonard: Iva... Kont inhobba bhala zija tighi.

Wilfrid: Issa, nixtieqek tghid lis-sinjuri Qurati dak li gara fil-lejla ta' l-14 ta' Ottubru.

Leonard: F'dik il-lejla, jien kelli immur ghandha...Jien u sejjer xtrajtilha xkupilja biex tiehu tneddaf il-qtates...lil dawn, kienet thobbhom wisq u ghalhekk rajt li b'dar-ragal ċkejken, kienet tiehu gost.

Wilfrid: X'hin wasalt ghandha?

Leonard: Kienu t-tminja se' jdoqqu...Tajtha l-ixkupilja u hadet gost tghidx kemm. Bdiet tippruvaha fuq wiehed mill-qtates, imbaghad, bdejna nilghabu d-domino. Miss French kienet thobb tilaghbu hafna d-domino...Meta sar il-hin, tlaqt mill-ġdid lejn id-dar.

Wilfrid: Issa int...

Pres. : Skużi, Sir Wilfrid....Dwar l-ixkupilja, ma fhimtx sewwa.... X'kien l-iskop,taghha....

Leonard: Miss French, il-qtates, kienet thobbhom hafna...id-dar taghha kienet riehe ta' qtates wahide u ghalhekk, jien, biex inżommom iktar indaf, xtrajtilha dik l-ixkupilja.

Pres. : Tista' tkompli, Sir Wilfrid.

Wilfrid: Meta dak inhar dhalt ghand Miss French, lil Miss MacKenzie rajtha?

Leonard: Le... Lili fethitli Miss French Stess.

Wilfrid: Int kont taf li dak inhar, Miss French, kienet barra?

Leonard: Ta' dan, ma tajtx kas.

Wilfrid: X'hin tlaqt lejn id-dar?

Leonard: Ftit qabel id-disgha..... mort bil-mixi.

Wilfrid: U xi kemm domt sejjer?

Leonard: Bejn ghoxrin u tletin minuta.

Wilfrid: Igifieri, int, wasalt id-dar.....

Leonard: Wasalt id-dar fid-disgha u hamsa u ghoxrin minuta.

Wilfrid: U martek....Ippermettili nsejhilha l-mara tighek...kienet id-dar meta wasalt?

Leonard: Iva, kienet id-dar...Ma nistax nifhem ghaliex xehedet xort' ohra...Narti bilfors li m'hix f'sensiha.

Wilfrid: Hallina minn dan... kompli ghidilna dak li gara f'dik il-lejla. Meta wasalt id-dar, hsielt il-komma tal-coat?

Leonard: Le, jien ma hsielt xejn.

Wilfrid: Allura, min hasilha dik il-komma?

Leonard: Romaine, l-ghada filghodu...Qaltli li fir-rivolta tal-komma tal-coat kelli d-demm li kien hareg minn idi.

Wilfrid: Minn idek?

Leonard: Iva, minn idi... hekku tistghu taraw b'ghajnejkhom.

Wilfrid: Meta smajt li kienu qatlu lil Miss French?

Leonard: Kont qrajt fuq il-gurnal ~~dakx~~ l-ghada li sar id-delitt.

Wilfrid: U x'effett ghamlet fuqek dik l-ahbar?

Leonard: Bqajt qieni miblugh...Ma stajtx nemmen dak li kont qed naqra... Il-gurnali qalu li kien kaz ta' serq u qatt ma basrt li kienu qatluha.

Wilfrid: U wara, x'gara?

Leonard: Qrajt li l-pulizija xtaqu ikellmuni u ghalhekk tlaqt minnufieh ghal ghassa tal-pulizija.

Wilfrid: Mort l-ghassa tal-pulizija.... Ghamilt xi dikjarazjoni?

Leonard: Iva.

Wilfrid: U ma bżajtx taghmila din id-dikjarazjoni?

Leonard: Le... Ghaliex kelli nibża? Jien riedt nghinhom jaqbdu lil qattiel.

Wilfrid: Qatt ircevejt xi flus minn ghand Miss French?

Leonard: Le.

Wilfrid: Kont taf li fit-testment hallietek werriet?

Leonard: Kienet qaltli li riedet tkellem lil avukat taghha ghaliex riedet taghmel testment gdid. Miftakar, kont staqsejta jekk dawn it-testmenti taghmilox spiss...wigbitni li kienet taghmilhom ta' sikwiet.

Wilfrid: Kont taf li dan it-testment li ghamlet l-ahhar, lilek, kien sejjer jolqtok?

Leonard: Le... Nahlef li ma kontx naf.

Wilfrid: Qatt ma tgharfiltek xi kelma li kienet sejra thallik werriet?

Leonard: Le.

Wilfrid: Ghadek kemm smajt ix-xhieda li tat martek jew biex nghid ahjar ix-xhieda ta' dik il-mara l-int kont tqis bhala martek.

Leonard: Iva, smajtha... Ghadni ma nistax nifhem...Jien....

Wilfrid: Nista' nahseb, Mr. Vole, l-int issorprendejt ruhek, imma issa nitolbok li twarrab minn quddiemek kull l-emozjoni li setghet qanqlet fik Mrs. Heilger u twigibni bis-sincerita' u bis-semplicita' kollha. Dak li qalet fix-xhieda taghha, kien minnu jew le?

Leonard: Le... bla ~~dubju~~...Dak li qalet kollu kliem b'iehor.

Wilfrid: Dak inhar, int, wasalt id-dar fid-disgha u hamsa u ghoxrin minuta u jdċċenajtu flimkien, veru?

Leonard: Iva.

Wilfrid: Wara li jdċċenajt, irgajt hrigt mid-dar?

Leonard: Le.

Wilfrid: B'liema id tikteb, bix-xellug jew bil-lemin?

Leoanrd: Bil-lemin.

Wilfrid: Mr. Vole, ser naghmillek mistoqsija ohra... importanti hafna... Lil Miss Emily French, int qtiltha?

Leonard: Le...Mđhux jien qtiltha.

Wilfrid: Grazzi, Sur President... dak kollox.

Pres. : Mr. Myers, trid tistaqsieh xi haga lix-xhud?

Myers. : Iva, Sur President. Mr. Vole, qatt ippruvajt tissellef xi flus minn ghand xi hadd?

Leonard: Le.

Myers : Kemm domt ma kont taf li Miss French kienet mara sinjura?

Leonard: Meta mort ghandha l-ewwel darba, ma kontx naf li kienet sinjura.

Myers : Naturali.... imbaghad meta sirt taf li kienet sinjura, ċik il-hbiberija li kien hemm bejnietkhom bdejt tibża ghaliha aktar minn qabel.

Leonard: Iċ-ċirkostanzi hekk juru, imma jien kont immur inżurha ghaliex kont nirrispettaha....Il-flus ma kellhom x'jaqsmu xejn maż-żjajjar tighi.

Myers : Kieku, wara li sirt taf lil Miss French intbaht li din kienet mara fqira, kont tibqa' tmur iżżurha ta' sikwiet?

Leoanrd: Iva.

Myers : Jekk ma nizbaljax, finanzjarjament, ma tantx tinsab f'qaghda tajba.

Leonard: Nahseb l-int ga tafa tajjeb il-qaghda tighi.

Myers : Wigibni ghall-istqasejtek, jekk joghogbok....iva jew le.

Leonard: Finanzjarjament, ma ninsab tajjeb xejn.

Myers : Kemm hu s-salarju tighek fix-xahar?

Leonard: Nghidlek issew, fil-present, ma jien naghmel xejn.

Myers : Ilek ma tahdem?

Leonard: Ili ftit.

Myers : Ftit ilu gejt infurmat l-int kont gejt illiċenzjat mill-post li kellek, veru?

Leonard: Le... Jien kont tlaqt.

Myers : Dak inhar li arrestawk, xi kemm kellek flus il-bank?

Leonard: Xi hames liri...Jien kont qed nistenna li ndahhal xi flus fi zmien gimgha jew tnejn.

Myers : U xi kemm kont sejjer iddehhal?

Leonard: M'hux wisq.

Myers : Fi ftit kliem, int kont bżonn il-flus. Sewwa qed nghid?

Leonard: M'hux igifieri ma kelli xejn, imma fl-istess hin kont inkwietat....

Myers : Kont inkwietat mhabba l-flus...Xmbaghad iltqajt ma' mara sinjura u ghamilt hbieb maghha minnufieh.

Leonard: Iċ-ċirkostanzi qeghdin ipingumi ~~xxxx~~ ikreh hafna...Il-hbiberija li kien hemm bejnietna tnisslet mill-gibda li hassejna ghal xulxin u m'hux ghal hag'ohra.

Myers : Qalulna li Miss French kienet tikkonsultak qabel ma kienet timla l-formoli ta' l-Income Tax.

Leonard: Iva. B'daqshekk, ma kien hemm xejn hazin. Kienet mara kbira u ghalhekk kienet talbitni biex il-formoli nimlihomla jien.

Myers : Janet MacKenzie qaltilna li Miss French kienet tafhom l-affarijiet taghha u li ma kellha bzonn l-ghajnuna ta' hadd.

Leonard: M'hux bhal ma qalet lili... Miss French kienet qaltli li meta tigi biex timla dawk il-formoli, kien jaqbadha ugieh ta' ras.

Myers : Allura ghandi nahseb li meta int imlejtila l-formoli, sirt taf x'kienet tippossiedi.

Leoandr: Le.

Myers : Kif jista' jkun li le?

Leonard: Ghandek ragun.... iva, naturali.

Myers : Issa nixtieqek tghidli x'kienet ir-raguni l-int qatt ma hadt mighek lil martek ghand Miss French.

Leoandr: Jien stess anqas naf. Lil Romaine, qatt m'ghadda minn rasi nghidila biex tigi mighi.

Myers : Ghedtilna li Miss French kienet taf l-int miżżewweġ.

Leonard: Iva.

Myers : Allura qatt ma qaltlek biex lil martek tohodha mighek?

Leonard: Le.

Myers : Ghaliex?

Leonard: Dan ma nistax nghidu... Nahseb li l-kumpanija tan-nisa ma tantx kienet thobba.

Myers : Igifieri kienet thobb iżjed il-kumpanija tar-rgiel, hux tassew? U int, qatt ma nsistejt biex xi darba tiehu mighek lil martek?

Leonard: Le, qatt ma nsistejt... Miss French kienet taf li marti kienet frustiera... ma nafx kif irrid nghid... donna li kellha f'rasha li jiena u marti ma tantx konna ningiebu.

Myers : Din hi l-impressjoni li kont tajtha?

Leonard: Le.. jiena ma tajtha ebda mpressjoni.

Myers : Dan jfisser li Miss French kienet mignuna warajk.

Leonard: Le... nahseb li l-gibda li kellha ghalija kienet dik li thoss omm ghal binha.

Myers : X'igifieri?

Leonard: Hafna ommijiet meta isiru jafu li binhom sar ihobb, jibdew jixtiequ li din l-imhabba tisfratta biex lil dan, jgawduh huma biss.

Myers : Minn dil-hbiberija li kien hemm bejnek u bejn Miss French, ma kontx tittama li ghad tikseb xi haga tal-flus?

Leonard: Imma m'hux bil-maniera li qed tahseb int.

Myers : M'hux bil-maniera li qed nahseb jien? Milli qieghed nara taf akter minni n-nifsi dak li qieghed nahseb...Allura, b'liema mod kont qed tittama li ghad tikseb xi flus?

Leonard: Billi kont ivventajt apparat ckejken ghal fuq il-karrozzi....

Myers : X'kien dan l-apparat?

Leonard: Apparat li jnehhi l-borra minn fuq il-Windscreen....

Myers : Kompli.

Leonard: Jiena xtaqt li xi hadd jiffinanzja il-progett tieghi u ghalhekk haisbt f'Miss French. Dan, ma jfissirx li jiena kont immur naraha ghalhekk biss... nerga' nghidlek li lil Miss French kont nirrispettaha bhala wahda tal -familja.

Myers : Iva, dan ga ghedtulna... Int kont thobb ha hafna.

Leonard: Iva, kont inhobba.

Myers : Mr. Vole, qimgha qabel mietet Miss French, int kont mort hadt xi taghrif fuq xi safar minn Agenzja qrib fejn toqoghod int.

Leonard: B'daqshekk? Ghamilt xi haga hazina?

Myers : Xejn, xejn... Minghalija in-nies isiefru biex jiddevertu... naturali, dan jaghmluh meta jkunu jistghu jonfqu...Ghadek kemm ghedtilna ~~xxxxxxxx~~ li finanzjarjament ma tantx kont f'qaghda tajba, b'dan kollu, mort f'Agenzija issaqsi l-prezzijiet ta' xi vjaggi... vjaggi sbieh u fit-tul...vjaggi li jiswew hafna flus... Tista' tghidilna kif kont ser taghmel biex thallas dak il-vjagg li riedt taghmel?

Leonard: Jien ma kelli ebda hsieb li naghmlu dak il-vjagg... mort nistaqsi, hekk b'kurżita'.

Myers : Jien nahseb hag'ohra, Mr. Vole... Int kellek f'rasek li fi żmien qimgha kont ser tired somma sabieha minn ghand Miss French.

Leonard: Dan , int qed tghidu.... F'dik l-Agenzija kont naf li hemm vjaggi b'irhis hafna... mort biex nara l-prezzijiet u meta sibt ruhi quddiem dik ix-xbejba , sthajt minnha u staqsejtha ghal vjagg lussus u fit-tul.

Myers : Mr. Vole, tahseb li l-Qorti qeghdin jemmnuk?
Leonard: Jien ma qieghed nahseb xejn... Qed nghid il-fatti kif kienu. F'dik l-Agenzija, jiena sthajt minn dik ix-xebba li giet biex isservini u ghalhekk bdejt nistaqsi ghal vjaggi l-kbar. dan hu kollu...Jien ma kelli ebda hsieb li noqtol lil hadd u anqas li kont ser nired xi flus.

Myers : Igifieri kienet kumbinazjoni li ftit granet wara l-int mort f'dik l-Agenzija, Miss French giet maqtula u li int sibt ruhek werriet taghha?

Leoanrd: Ga ghedtlek.... Lil Miss French m'hux jien qtiltha.

Myers : Int ghedtilna li f'dik il-lejla ta' l-14 ta' Ottubru, int hallejt lil Miss French fid-disgha nieqes erba minuti... ghedtilna li mort id-dar bil-mixi u li wasalt fid-disgha u hamsa u ghoxrin, imbaghad bqajt id-dar, veru?

Leonard: Iva.

Myers : Ftit ilu, smajt lil Romaine Heilger tghid kollox bil-maqlub. Smajtha tghid l-int wasalt id-dar, m'hux fid-disgha u hamsa u ghoxrin, imma fl-ghaxra u ghaxra.

Leonard: M'hux tassew.

Myers : Smajtha tghid li hwejjgek kienu imċappsa bid-demm u li int ammettejt quddiemha li qtilt lil Miss French.

Leonard: Ghedtlek m'hux veru... Dan kollu kliem b'iehor.

Myers : Tista' tghidilna x'ragunijiet ghandha dil-mara li kienet qegheda tghix bhala marthek li taghti xhieda bhal din, kontra tighek?

Leonard: Le.... Ma nistax nghidilkhom.... Dan hu l-gwaj tighi... Romaine, ma kellha ebda raguni li taghmel dan... wisq nahseb li qeghda titlef sensieha.

M yers : Fix-xhieda taghha deheret li kienet f'sensieha sewwa.... Mčghandniex x'inghidu.... il-genn, ghalik huwa l-ahjar skuza biex tiddefendi ruhek... Le... Marthek kienet taf x'inhi tghid.....

Leonard: Alla tighi!... Ghini Int.... Ma nistax nifhem x'gaghalha tixhed b'dak il-mod.... Le... Ma jistax jkun li hi f'sensieha.

Myers : Eh...Il-pa rti qed taghmila tajjeb hafna, Mr. Vole.... F'dis-sala, ahna nharsu biss lejn il-fatti....Ahna m'ghandna ebda prova li dak li ghedtilna int huwa minnu. igifieri li int hallejt lil Miss French fil-hin li ghedtilna.

Leonard: Imma possibbli li ma rani hadd ghaddej mit-triq jew diehel id-dar?

Myers : Il-persuna wahdenija li ratek diehel id-dar, qaltilna l-int wasalt fl-ghaxra u ghaxra u din l-istess persuna qaltilna ukoll li hwejjgek kienu imċappsa bid-demm.

Leonard: Ftit qabel kont qtajt idi.

Myers : Din ma kienitx hags diffiċli meta wiehed kien qed jistenna li x'aktarx jaqghu xi suspetti fuqu...Mr. Vole, int stajt qtajt idek apposta biex tiggustifika dak id-demm li kellek fuq il-komma tal-coat.

Leonard: Taf tpingihom tajjeb hafna.... Kull ma nghidlek, qed iddawru kif trid int... Bi kliemek qed iggeghalni nahseb li jien xi bniedem iehor.

Myer : Idek, int qtajtu apposta.

Leonard: M'hux tassew... Jien m'ghamilt xejn minn dan.

Myers : Int wasalt id-dar fl-ghaxra u ghaxra.

Leonard: Le, m'hux verugggg hemm bżonn li temmnuni....jien bla htija

Kont int li tajt id-daqqa bil-lembuba fuq ras Miss French



Kont int li tajt id-daqqa bil-lembuba fuq ras Miss French ... li kienet taf ...

Myers : Int qtilt lil Miss French... Hadd hliefek.

Leonard: Le.... M'hux tassew!... M'hux jien qtiltha... Jiena qatt ma qtilt lil hadd..... Alla tighi!... Inhossni qieghed nohlom.... Iva... jien qed niggennen!.....

Muzik, Qawwija:. . . . . . . . . . . . . . . . . . . . .

(End of Act II)

Hoss: (Boob jinfetah)

Greta : Good evening, Sir Wilfrid... Kemm li Lejla kerha, ~~ghandna~~ hux! (Take her & exit)

Wilfrid: Ċpar, Greta, ċpar biss...ma tarx pass l-hemm minnek.

Mayhew : Lejla li jġgaghalek tidhol fis-sodda.

Wilfrid: Tassew dinja ngusta, Mr. Mayhew...Fis-sala tal-Qorti, hassejtni qed nifga bil-foqa li kien hemm, imbaghad hrigna barra biex niehdu ftit arja u x'insibu? Ċpar...Ċpar li jkompli jivgaq.

Mayhew : B'dan kollu, dan ic-ċpar ma fixkilniex daqskemm fixklitna Mrs. Heilger.

Wilfrid: Dik, mara ndemonjata...Mill-ewwel harsa li tfajt fuqha, hassejt li hemm xi haga strambа...Qalbi hebritni li sejra tfixkilna....Tista' tifhmu, John, l-iskop taghha? Dil-kurżita nhossa qegheda tifnini.

Mayhew : Mid-dehera tixtieq tara lil Leonard Vole ikkundannat.

Wilfrid: Imma ghaliex? Ahseb ftit f'dak li huwa ghamel gheliehа.... Kieku ma kienx hu minjaf x'sar minnha.

Mayhew : Mr. Vole helisha mill-mewt... Min taht idejn il-Germaniżi, sgur li ma kienitx tehlisha.

Wilfrid: U b'dan kollu, tipprova tgharqu b'dak il-mod....Iva, x'aktarx li kif ghedt int... Nisa bla qalb.... Ma nistax nifhem ghaliex trid tivvendika ruhha minnu, ghaliex fuq kollox jekk hija xebghet minnu, tista' tittilqu.

G.

Hoss: ( Bieb jinfetah)

Greta : Sir Wilfrid, gibtilkhom it-te...(place one on desk)

Wilfrid: Grazzi, Greta...bhall-issa grokk qawwi kelli aptit, xi tghid Mr. Mayhew?

Mayhew : Ghalija, xorta wahda.

~~Wilfrid~~ Greta (cross to other desk): Dal-hin, te tiehu s-soltu, Sir Wilfrid...// Kif mar il-Ġri?

Wilfrid: Hażin, Greta, hazin....

Greta : Le, Sir Wilfrid... nittama li ma marx hazin....Jiena sgura li dak iz-zaghzugh huwa bla htija.

Wilfrid: Ghadhek tahseb hekk, Greta?

Greta : Iva.

Wilfrid: Tista tghidli ghaliex?

Greta : Dak iz-zaghzugh m'ghandux hila joqtol...Wiċċu jidher li huwa twajjeb.//le, le... sgur li m'ghandux stonku joqtol imbeghed ~~mara xiha~~..// Sir Wilfrid.... irridek tghidli li ~~ma~~ sejjer tohorgu hieles.

Wilfrid: Tajjeb li tixtieq hekk, nohorguh hieles.

Greta : Grazzi, Sir Wilfrid...Jekk jekk tkun tridni, ċempilli.

Hoss: (Passi - bieb jinghalaq)

Wilfrid: Nohorguh hieles....Alla biss jaf kif nistghu naghmluh dan.... Fost il-Gurati, mara wahda biss hemm...din li tista' thoss xi ftit tal-hniena lejh...Mid-dehera, f'ghajnejn in-nisa, l-imputat jgawdi ċerta simpatija...ma nafx ghaliex... m'hux xi zaghzugh li tghid kemm hu helu....Jiena nghid li Mr. Vole fieh ghandu xi haga li tqanqal f'qalb dak l-ikun l-imhabba materna....In-nisa, ihossu li ghandhom ihobbuh bhala binhom.

Mayhew : (Bid-dahqa) Mrs. Heilger, sgur li ma thobbux bhala binha.

Wilfrid: Le.... din, nghidlek li ma tafx xi tfisser il-kelma imhabba.. Miskin hu dak il-bniedem li jahbat difru maghha...Nghidlek li lesta taghmel kollox biex tasal ghal hsieb ta' rasha.... Nixtieq ma nafx x'jaghmel u jirnexxili nwaqqa' ix-xhieda taghha.... Hemm inkun nista' nuri ghemilha... il-gideb.... il-karattru vili taghha.

Mayhew : Ahfirli, Sir Wilfrid.... nahseb li dal-każ qed jagitak hafna. Mid-dehera m'inthix thabbel rasek biex tohrog hieles lil Vole daqskemm biex tohrog rebbieh fuq dik ix-xifajk.

Wilfrid: Aktarx li kif qed tghid int...Iva...dik il-mara infuskatni... Mrs. Heilger hija mara maghguna bil-hażen u dak l-imsejken ta' Vole, jiddependi mir-rebha tgihi fuq dik il-minghul.

Mayhew : Jiena nahseb li l-Gurati ma tantx hadu grazzja maghha.

Wilfrid: Sewwa qed tghid...Iva, hekk deheru. Ibda biex, Mrs. Heilger hija mara frustiera u dawn, hawnhekk, x'aktarx li m'humiex fdati...L-iktar haga li jggaghalek tistmerra, hija dik li bix-xhieda taghha qed tipprova tgharraq lil zewgha, meta dan, hemm bżonn li tghinu...Nies bhal dawn, fl-Ingilterra, ma tantx isibu appoġġ.

Mayhew : Dan, jaghel lilna, hux tassew?

Wilfrid: Iva, imma dan, m'hux biżżejjed. Dak li qal il-klient taghna m'hemm hadd li jwettqu....Huwa jammetti li f'dik il-lejla, kien ma Miss French...Il-marki ta' subghajh nstabu mal-kamra kollha u fuq kollox, ma rnexxilniex insibu l-xi hadd li rah sejjer lejn id-dar, imbaghad, biex jkompli jaghqad kollox, hemm dak ix-xifajk ta' testment...Il-kwistjoni ta' l-Agenzija, ma tantx hija mportanti. Ix-xieha ghamlet it-testment favur tighu u minnufieh, Leonard Vole mar jistaqsi dwar xi vjaggi lussusi...M'ghandniex x'inghidu.... kumbinazzjonijiet kororoh hafna.

Mayhew : Sewwa qed tghid... l-ispiegazjonijiet li ta xejn ma kienu sodi.

Wilfrid: B'dan kollu, dak li qal, tagh,lu il-mara tighi wkoll.

Mayhew : X'igifieri?

Wilfrid: Il-mara tighi, meta ma jkollhiex x'taghmel, taraha sejra f'xi Agenzija u titlobhom itinerari ghal vjaggi fil-kontinent ghalina t-tnejn... imbaghad tara tigi d-dar, turini dawn l-itinerari u jien, bil-paċenzja kollha jkolli nghidilha: " Irranga kif joghgbok, ghażiża tighi " imbaghad nispiċċaw biex nibqghu it-tnejn id-dar u ma nsiefru xejn..

Mayhew : Tighek tohlom bis-safar, tighi tohlom bid-djar.

Wilfrid: Djar?

1. Hat for Mrs Camilleri –
2. " " Carmen –
3. Beads for Carmen (brown + black) –
4. Yoke – white –
5. Collar for Vanni –
6. spectacles –
7. cutex –

Mayhew : Iva... Ma jkunx hemm dar avżata ghal bejgh li ma tmurx taraha. Kif taqra xi avviż ta' xi dar, tibda tohlom kif sejra tirranga l-kmamar, kif taghmel xi alterazzjonijiet u hafna affarijiet bhal dawn... aghaxsitra tibda taghżel il purtieri li jkollha halab taghmel.

Wilfrid: Il-fantasija tan-nisa taghna, ~~jghixxunxhix~~ biss kisla' tghina ~~biex~~ biex ~~nasu~~ nifhmu x'gieghel lil Mr. Vole imur f'dik l-Agenzija jsaqsi dwar dawk il-vjaggi.

Mayhew : Jiena nghidlek li kien qed johlom bhan-nisa taghna.

Wilfrid: Hekku... qed tghidu int ukoll.

Mayhew : Ghandek ragun.

Wilfrid: Dwar ix-xhieda ta' Miss MacKenzie, nahseb li ghenitna xi ftit.

Mayhew : Bil-ghira li uriet li ghandha ghalieh?

Wilfrid: Iva. D heret wisq ippregudiskata kontra tieghu.

Mayhew : Dwar id-difett tas-smiegh taghha, ilqatta' tajjeb hafna.

Wilfrid: Iva... hemm, fixkiltha, imma,imbaghad, fixklet lili meta semmiet li r-radjo kien barra mid-dar qed jissewwa. Eh!... ghadni ma nistax nifhem sewwa... X'tahseb, int, John... Tahseb li kien attentat ta' serq bi vjlenza? Il-pulizija jkollha tammett li dan setgha gara.

Mayhew : Imma l-pulizija qeghda tahseb xort'ohra u dawn ma tantx jitqarqu malajr... Dak l-Ispettur jinsab agur lix-xoghol sar minn gewwa. It-tieqa, huwa ċert li giet ikkissata minn gewwa.

Wilfrid: Dan ma jfissirx li ma jistax jigi mqarraq.

Mayhew : Le, imma jien nibża li kif qal hu.

Wilfrid: Imma kieku kien hekk, min kien dak ir-ragel li Janet MacKenzie semghet jitkellem ma' Miss French? Jien jidhirli li hemm sew twigibiet ghal dil-mistoqsija.

Mayhew : Liema huma?

Wilfrid: L-ewwel wahda hi li Janet MacKenzie bniet dik-l-istorja meta rat li L-PULIZIJA m'hix sodisfatta li dak il-każ kien ta' serq.

Mayhew : Possibbli li tasal s'hawn?

Wilfrid: Imbaghad, tista' tghidli, x'setghet semghet? Tghidlix li kien xi halliel qed jiccajta ma' Miss French qabel qatilha.

Mayhew : Ghandek ragun.

Wilfrid: Jien wahhalt f'rasi li dik il-mara, m'hux ta' min jorbot fuqha.

Mayhew : Imma, allura, qed tissuspetta li....

Hoss: ( Tahbita fuq bieb)

Wilfrid: Ghaddi.

Hoss: (Bieb jinfetah)

Carter : Sir Wilfrid... hawn mara zaghzugha, tixtieq tkellmek... Qaltli li trid tghidlek xi haga dwar il-Qorti ta' Mr. Leonard Vole.

Wilfrid: Jaqaw xi wehda mignuna?

Carter : Sir, Wilfrid, in-nisa mgienen, naghrafhom tajjeb.

Wilfrid: Xi kwalita' ta' mara hi,din?

Carter : Tidher xbejba komuni...ghajnejha qishom tas-srieq iżebbgu.... fuq taghha....

Wilfrid: Qaltlek xi trid?

Carter : Qaltli li taf xi haga li tista' hafna ghall-imputat.

Wilfrid: Sgur gejja b'xi hmerija....Ghidilha tghaddi. Int, x'jidhirlek, John?

Mayhew : Jidhirli li ghandna naghmlu minn kollox biex nohorgu rebbieha. sits

Carter : Hekku, s-sinjorina.

Wilfrid: Ghaddi, ghaddi, x'ghandek bżonn?

Madame : Sir Wilfrid, jien lilek riedt inkellem.... Quddiemkhom it-tnejn m'jien ser nghid ebda kelma.

Wilfrid: Dan hu Mr. Mayhew, l-Avukat ta' Leonard Vole....Jien, l-avukat difensur. stands

Madame : Kontu qeghdin tiddiskutu fuq Leonard Vole, hux veru? Jekk thallsuni tajjeb, jien nista' nghinkhom hafna.
Mayhew gives a nudge to Sir Wilfred as he goes ~~to sit~~ near seat

Wilfrid: Ma tghidilniex minn int, Miss?

Madame : M'hemmx ghalfejn...Jien nista' ntikhom isem falz.

Wilfrid: Kif joghogbok... Taf, hux veru, l-int fid-dmir li title tixhed kemm il-darba taf xi haga dwar dak id-delitt?

Madame: Jien m'ghedt li naf xejn...Ghandi xi haga li tista' tiswielek hafna.

Wilfrid: Tista' tghidilna x'ghandek, Madame?

Madame : Il-lum, jien, kont fis-sala tal-Qorti.... Rajt u smajt lil dik il-mara tixhed.... Dik mara vili... mara qarrieqa.

Wilfrid: Sewwa qed tghid.... imma, ejja nkomplu fuq din l-informazzjoni li ghandek.

Madame : Qabel nghidlek irrid naf il-prezz....L-oggett li ghandi jien, huwa prezzjus hafna.... Irrid £100 ....Daqshekk irrid tighu.

Mayhew : Qabel inkunu nafu x'inhu dan l-oggett, ma nistghux niftehemu.

Madame : Tajjeb.... Ghandi ittri... ittri li jiswew hafna.

Wilfrid: U dawn l-ittri? Forsi miktuba minn Romaine Vole lill-Imputat?

Madame : Lill-Imputat? Kemm int, ibleh!.... L-Imputat huwa ragel twajjeb wisq... naghli ghalieh, miskin.... Dik ix-xifajk ta' Romaine, gharrfet titfghu fix-xibka.... F'dal-basket, ghandhi l-ittri li semmejtlek... jekk ittuni l-prezz li tlabtkhom, inbeghhomkhom.

Mayhew : Jekk thallina narawhom, inkunu nistghu nghidulhek jiswewx jew le.

Madame : Jien m'inhix nistenna li sejjrin tixtruhom bla ma tarawhom,.. biss, qabel, irridkhom tweghduni li jekk bil-hila ta' dawn l-ittri, Leonard Vole, johrog hieles, inthom ittuni il-mitt lira.

Mayhew : Ara, jekk kemm il-darba dawn l-ittri fihom xi taghrif siewi ghad-difiża ta' l-imputat, lest biex intik ghaxar liri.

Madame : Ghaxar liri ghall-ittri bhal dawn? Le, le... Int ma tafx x'int tghid.

Wilfrid: Jekk dawk l-ittri jghinuni nipprova li l-imputat huwa bla htija, intik ghoxrin lira... (Takes [illegible]) Tajjeb, daqshekk?

Madame : Jekk ittuni hamsin, noqoghod.

Wilfrid: (puts money on table) M'hhix sejjer intik sold iżjed milli ghedtlek.

Madame : Tajjeb...huduhom... Din li hawn fil-wiċċ, nistgha nghidlek li sejra tehles lil klient tighek.

Hess: (Karti)

Wilfrid: Stenna... Ghandi nifhem li Din hija l-kitba ta' Mrs. Vole.?

Madame : Iva... dawk l-ittri hi kitbithom.

Wilfrid: Irrid inkun sgur... Xi provi ghandhek li dawn l-ittri huma taghha?

Mayhew : Stenna... Jien ghandi ittrá ta' Mrs. Vole.

Wilfrid: Nistghu narawha?

Mayhew : M'hix qegheda fuqi...hallejta l-uffiċċju.

Wilfrid: Madame, ghall-issa jkollna noqoghodu fuq il-kelma tighek... Hekku l-flus. (Gives money to Madame)

Madame : Grazzi... Halli nghoddom.

Wilfrid: (Takes letters & reads them) Kieku ma tarax b'ghajnejk, ma temminx.

Mayhew : Halfet li teqirdu.

Wilfrid: Madame, tista' tghidilna kif gew f'idejk dawn l-ittri?

Madame : Bil-ghaqal tighi. Dawk l-ittri, ghalija, kienu arma qawwija kontra Mrs. Vole...Issa, li wasal il-waqt li nidhallas minnha, gejt inbieghhom lilek.

Wilfrid: U x'ghandhek kontra Romaine Heilger? Ghaliex trid tidhallas minnha?

Madame : Ersaq l-hawn..... Qieghed taraha dil-gerha li ghandhi taht widinti?

Wilfrid: Iva... Ma kontx inbbaht biha.

Madame : Dak ghaliex nahbieha b'xari.

Wilfrid: Hassritlek wiċċek... Romaine Heilger ghamlitielhek?

Madame : Le... Żaghżugh li kont ninnamra mighu...Kien iżghar minni, imma kien ihobbni, u jien kont inhobbu wkoll....imbaghad, dehlet bejnietna Romaine...Ghall-ewwel bdiet tiltaqa mighu bil-mohbi, imbaghad, darba qalli li ma kienx ser jarani iżjed. Jien riedt naf ghaliex...meta ra li ma jistax jehles minni, imbuttani u telaq jigri...Kont naf fejn mar....Bqajt sejra warajh u sibthom flimkien....Bdejt niggieled maghha u biex jiddefendiha, qabeż fuqhi...B'mus li kellu fuqu, qasamli wiċċi u b'lehen kiefer qalli: "Issa sgur li ebda żaghżugh ma jharex lejk"

Wilfrid: U int m'irrappurtajtx lil pulizija?

**Madame :** Jien? Le... Jien kont inhobbu...Kont naf li dak li gara kien htija taghha....Hi kienet li beghditni minnu...Hi kienet li ghawwietu kontra tighi....Bis-saber qadt nistenna il-waqt li nkun nista' nidhallas minnha...Ddejt nimxi wara l-passi taghha u darba, irnexxieli nikseb taht idejja dawk l-ittri billi, bil-mohbi, dhalt fl-appartament taghha u sraqthomla. Issa tafu l-istorja kollha....Trid dbusni?

**Wilfrid:** Le, le, erssaq l-hemm.

**Madame :** M'intikx tort li wiċċi ibeżżaghek.

**Wilfrid:** Maghli ghalik... ~~ghedek fl-ahjar tighek~~... John, baqaghlek flus fuqek?

**Mayhew :** Ghandi hames liri.

**Wilfrid:** Tihomli. (Crosses & gives £5) ........ Hekk, Madame... Ghandek hames liri ohra.

**Madame :** Kont naf li haqqni xi hag'ohra... Dawk l-ittri beghetomlek b'irhis hafna.

**Wilfrid:** John, ghandi f'rasi li b'dawn l-ittri ser nohrog rebbieh.

**Mayhew :** Imma qabel xejn, hemm bżonn li nsejhu l-espert biex jeżamina dawk l-ittri sewwa....Jekk ikun mehtieg lil dan intellugh jixhed ukoll....

**Wilfrid:** Iva u ikolna bżonn ukoll l-indirizz tan-namrat tighek, Madame.. Fejn marret?

**Mayhew :** Madame!.... Ma tidhirx.... Sgiċċat bla ma ntbehna...xxxxxl xxxxxxxxxxxxxxx.

**Wilfrid:** Ċempel dik il-qampiena.

Hoss ( Qampiena. Pawsa - Bieb jinfetah)

**Carter :** X'ghandek bżonn, Sir Wilfrid?

**Wilfrid:** Carter, taf fejn marret dik il-mara li kienet maghna?

**Carter :** Rajtha hierga tigri l-barra.

**Wilfrid:** Ma kienx imissek hallejtha tohrog....Ibghat lil Greta warajha.

**Carter :** Tajjeb, Sir Wilfrid.

**Wilfrid:** Haffef.

Hoss: ( Passi - bieb jinghalaq)

**Mayhew :** Nibża li m'ahniex sejrin nilhquha.

**Wilfrid:** Ċe-ċċer li hemm barra ser ifixkilna. Isem u kunjom in-namrat ta' dik il-mara, mehtieg hafna.

**Mayhew :** Ma nafx kif sejrin naghmlu...Dik ix-xifajk tidher ghaqlija hafna....Isimha baqa' mohbi u issa sgiċċatilna waqt li konna alienati narsw dawk l-ittri...Milli tidher ma tridx titla tixhed...Nahseb li tibża min-namrat li kellha.

**Wilfrid:** Jekk intellawha tixhed, jehtieg li wara intuha l-protezzjoni tal-pulizija.

**Mayhew :** U dil-protezzjoni, kemm tista' iddum... fl-ahhar ipattihielha.. Jien nara li ga sbbużżat hafna li giet s'hawn biex tkellem lilna jien nghidlek li ma tridx li isem in-namrat taghha jissemma... Hi, minn Romaine Heilger biss trid tidhallas.

Wilfrid: Eh!.. Romaine, Romaine.... ~~Għaqda x'qlajna fad-dagar~~....
Bil-ħsieb tiegħek kollu.... issa ikollhok tagħmilha magħna....
Erssq l-hawn, John, ersaq ħalli nistudjaw ftit dawn l-ittri.

10 mins MUŻIKA: (The mountain) .......... (Scrutinizes letters)

(End of Scene I.) of Act III Tape

Wilfrid: Sur President, minn dak il-ħin li dan il-Qorti gie aggjornat, giet f'idejja xhieda mportanti ħafna...xhieda li wieħed ma kien jistenna qatt.... Tant hi straordinarja dix-xhieda li sejjer niehu r-responsabbilta' fuqi u nitlob lis-sinjurija tiegħek, ittini permess insejjaħ mill-ġdid lix-xhud, Romaine Heilger.

Pres. : U meta giet f'idejk, dix-xhieda, Sir Wilfrid?

Wilfrid: Ilbieraħ, wara li aggjornat il-Qorti.

Myers : Sur President, jiena noggezzjona...Il-każ tal-Prosekuzjoni huwa ga magħluq u għalhekk......

Pres : Mr. Myers, jien ma kelli ebda ħsieb li nagħti dan il-permess qabel nara int x'ser tgħid.

Wilfrid: Sur President.....

Pres. : Għadik Għidli, Sir Wilfrid.

Wilfrid: Sur President, f'każ, meta xhieda li tkun tiswa l-ħajja ta' l-Imputat tigi f'idejn l-avukat difensur ftit qabel ma l-Gurati jidħlu għal verdett tagħhom, ngħid li din ix-xhieda m'hux biss li għandha tigi milqugħa mill-Qorti imma talli l-Qorti stess għandha tistieden lil publiku biex jekk ikun jaf xi ħaga, iressaqa quddiemha. B'xorti tajba kelna każ bħal dan, fl-1926....Il-Pulizija, kontra Stellman... Dan li qed ngħid jinsab fil-kawżi ta' l-appell, pagna 463.

Pres. : M'hemmx għalfejn tikkwota, Sir Wilfrid... Dak il-każ, nafu tajjeb... U issa, nisimgħu lil Prosekuzjoni... X'għandek xi tgħid, Mr. Myers?

Myers : Sur President, fl-opinjoni tiegħi, il-proposta tal-ħabib tiegħi, barra minn f'xi każ eċċezzjonali, m'għandiex tigi milqugħa u issa, Sir Wilfrid, nixtieq nistaqsik fiex tikkonsisti dix-xhieda li semmejt.

Wilfrid: Ittri, Sur President... ittri miktuba minn Romaine Heilger stess

Pres. : Narhom... narhom, Sir Wilfrid.

Wilfrid: Hekku, Sur President.

Hoss: ( Jinnatagħhu xi karti)

Myers : Sur President, il-ħabib tiegħi qalli li sejjer jagħmel din it-talba sewwa sew x'ħin konna daħlin il-Qorti, għalhekk, jien ma kellix żmien biżżejjed biex nara jekk kienx hemm każi bħal dan, fl-imgħoddi. Jekk ma niżbaljax, kien hemm każ fl-1930, Il-Pulizija kontra Potter...Mingħalija....

Pres. : Le, Mr. Myers... Il-Pulizija kontra Potter, fl-1931..Dak il-każ, niftakru tajjeb... kont jien il-Prosekutur.

Myers : Sur President, jidhirli, jekk m'inhix sejjer żball, li l-oggezzjoni tiegħek, f'dak il-każ, kienet giet milqugħa mill-Qorti.

Pres. : Jiswbija, Mr. Myers.... Il-każ ma tiftakrux tajjeb...L-oggezzjoni tiegħi, dak inhar, ma gietx milqugħa bħal ma m'inhix il-ser nilqa dik tiegħek. Tista' ssejjaħ lix-xhud, Sir Wilfrid

Wilfrid: Sejjah lil Romaine Heilger.

Purtier: Romaine Heilger!

Pulizija Romaine Heilger!.. Romaine Heilger!...

Pres. : Jekk dawn l-ittri m'humiex foloz, nista' nghidilkhom li l-kwistjoni hija serja hafna.

Hoss: ( Passi ta' mara resqin)-Jieqfu)

Wilfrid: Mrs. Heilger, taf hux tassew, li bhall issa inti ghadhek taht il-Gurament.

Romaine: Iva.

Pres. : Romaine Heilger, int rgajt gejt imsejha f'din is-sala biex Sir Wilfrid Robarts jaghmillhek xi mistoqsijiet ohra.

Wilfrid: Mrs. Heilger, int taf lil xi hadd jismu Max?

Romaine: (Sorpriża) Ma fhimtekx....

Wilfrid: Staqsejthek mistoqsija semplići hafna... Taf lil xi hadd jismu Max? Iva jew le.

Romaine: Le.

Wilfrid: Żgura minn dan?

Romaine: Ma naf lil hadd jismu Max.

Wilfrid: Ma taf lil hadd ta' dan l-isem.... Sewwa qed nifhmek?

Romaine: Stenna..... Fil-Germanja stajt kont naf lil xi hadd jismu hekk....Iva, x'aktarx.... billi ilu hafna, ma niftakarx sewwa.

Wilfrid: Mrs. Heilger, jien m'irridhekx tmur l-ura hafna...Bizzejjed li tmur bil-hsieb tighek daqs tliet gimghat ilu.....nghidu ahna s-sbatax ta' Ottubru li ghadda.

Romaine: (Sorpriża) Hemm, x'ghandek f'idejk?

Wilfrid: Ittra.

Romaine: Ma nafx fuqhiex qed tidhaddet...

Wilfrid: Qed nidhaddet fuq ittra...ittra miktuba fis-sbatax ta' Ottubru...Nahseb li tiftakara din id-data, hux veru?

Romaine: M'ghandix interess li niftakara...Ghaliex?

Wilfrid: Ghaliex dak inhar int ktiebt ittra...Baghatta lil wiehed ragel, jismu Max.

Romaine: Le...jien ma ktiebtx ittri...Dan li qed tghid kollu kliem b'iehor.

Wilfrid: Din l-ittra hija wahda fost hafna l-int ktiebt lil wiehed ragel, matul dan iż-żmien.

Romaine: Kliem b'iehor...kollu kliem b'iehor.

Wilfrid: Kif jidher minn dawn l-ittri, int kellhek relazjonijiet tajbs ma' dan ir-ragel.

Leonard: (B'Lehen gholi) Sir Wilfrid!... Kliem bhal dan ma noqogho ghalieh....M'hux veru... marti.....

Pres. : Leonard Vole... fl-interess tighek, nordnalek biex tibr sieket.

Wilfrid: Mrs. Heilger, dawn l-ittri li ghandi quddiemi, ma jinteressawnix kollha.... wahda biss tinteressani...din li sejjer naqra quddiem din il-Qorti.... (Jaqra) "Ghaziz Max, Ghandhi nghazzfek li gara xi haga straordinarja...Ftit iehor u x'aktarx li t-tfixkil taghna jintemm ghal kollox..."

Romaine: (B'lehen gholi, waqt li taqtaghlu kliemu) Dik l-ittra m'hux jien ktibtha... dik ittra falza...Jien qatt ma ktibt ittra bhal dik... Ghidli, kif giet f'idejk dik l-ittra? Min tahielek?

Wilfrid: Mrs. Heilger, kif giet f'idejja u min tahieli ma jinteressakx.

Romaine: Dik l-ittra, int, sraqta... Int halliel daqskemm int giddieb..

Pres. : Mrs. Heilger!.....

Romaine: Ghidli min tahielek.... Tatielek mara, hux tassew? Iva.. kif qeghede nghidlek jien....

Pres. : Mrs. Heilger, nitolbok twieqeb biss ghalli jistaqsik l-Avukat.

Romaine: Jien m'irridx nisma izjed....

Pres. : Kompli, Sir Wilfrid... kompli.

Wilfrid: Mrs. Heilger, s'issa qrajtlek biss il-bidu ta' l-ittra... M'hux int ktibthom dawk il-kelmiet?

Romaine: Ngur li m'hux jien ktibthom.... Jien qatt ma ktibt ittra bhal dik...Dan insult kbir ghalija...Dik l-ittra kitbita xi mara vili li tghir ghalija.

Wilfrid: U jien nghidlek li dik l-ittra hadd ma kitiba hliefek. Fix-xhieda tieghek, int, ma ghedtx hlief kliem b'iehor u irrid infakkrek l-int tinsab qeghede tixhed taht il-Gurament. Ir-raguni l-int ma tridx tghid il-verita, tinsab f'din l-ittra...(Ihabbat l-ittra mal-mejda) miktuba minnhek stess.

Romaine: Int ma taf x'int tghid...Ghaliex kellhi nikteb ittra nsensata bhal dik?

Wilfrid: Ghaliex quddiemhek dehrilhek li nfethet triq li twasslek ghal hsieb ta' rashek...Biex int jirnexxilhek tghaddi minn din it-triq, il-mewt ta' Leonard Vole, ghalik, ma tfisser xejn... Int wasalt biex tferi lil Leonard Vole bis-sikkina tal-perzut.

Romaine: Le... M'hux tassew... Jien qatt ma ktibtu dan... Jien ktiebt li Leonard qata' idu waqt li kien qed jaqta il-perzut. (F'nofs din is-sentenza, dbaxxi lehinha ghaliex tintebah li nqabdet f'nasba.)

Wilfrid: (Rebbieh) Igifieri, int taf x'hemm miktub fl-ittra qabel m'ghedtlek x'fiha.

Romaine: Bniedem mishut!... Mishut!....

Leonard: Sir Wilfrid, nitolbok li ma tkomplix izjed...marti qeghede issofri.

Romaine: Helluni nohrog minn hawn...Helluni mmur...

Pres. : Tuha siggu.... tuha siggu ghax ser taqa'.

Romaine: (Tinfexx tibki)

Pres : Sir Wilfrid, issa nixtieqek taqra dik l-ittra b'mod li il-Gurati jifhmuk sewwa.

Wilfrid: (Jaqra) "Ghaziz Max, ghandi ngharrfek li gara xi haga straordinarja...ftit iehor u nahseb li t-trixkil taghna jintemm ghal kollox...Jiena inkun nista' nigi mieghek bla biza li sejra ntelliflek il-hidma sabieha l-int qed twettaq f'dan il-pajjiz. Dik il-mara xiha li kont kellimtek fuqha giet maqtula u x'aktarx li s-suspetti sejrin jaqghu fuq Leonard Vole. F'dik il-lejla, ftit qabel ma nstabet mejta, Leonard kien ghandha. Il-fingerprints tieghu nstabu fil-kamra fejn sar id-delitt li kien sar ghal x'id-disgha u nofs. F'dak il-hin, Leonard kien mieghi, d-dar...Ix-xhieda dwar il-hin, tiddependi minnhi...Jekk jiena nghid li wasal id-dar aktar tard u li hwejjgu kienu mcappsa bid-demm, allura ma jkunx jista' jehles mill-akkuza li ghandu fuq rasu... Il-komma tal-coat tieghu tassew li kienet imcappsa bid-demm ghaliex dak inhar kien qata' idu waqt li kien qed jaqta xi perzut....Ix-xhieda tieghi ser tgharrqu hafna...Ma dak li ghedtlek nista' nzid ukoll li huwa ammetta li qatilha. Ghaziz Max, mohhi jewden dejjem li nfittex nidbiegħed mieghek minn dan il-pajjiz...Meta niftakar li jrrid naghmel il-parti li nhobb bniedem li ma nhobbux, inhossni immut bid-dwejjaq. Naf li l-kwiza li ghalieha qeghdin nahdmu tigi qabel kollox, imma jekk Leonard Vole jinstab hati ta' dak id-delitt, jien inkun nista' ninghaqad mieghek u flimkien nahdmu ghal pajjizna.

Il-mahbuba tieghek,

Romaine.

Pres. : Romaine Heilger, nitolbok terga' titla tixhed, jekk joghgbok.

Hoss:( Passi)

Ghadhek kemm smajt lil Sir Wilfrid jaqra dik l-ittra... X'ghandhek xi tghid?

Romaine: Xejn.... M'ghandhi x'inghid xejn.

Leonard: Romaine.... ghidilhom... ghidilhom li m'hux veru...ghidilhom li m'hux int ktibta dik l-ittra...Jien naf li m'hux int...

Romaine: Jien... iva, jien ktibta.

Wilfrid: Sur President, L-ahhar frazi tax-Xhud Romaine Heilger taghlaq id-difiza tieghi.

Pres. : Sir Wilfrid, taf tghidilna lil min gew mibghuta dawk l-ittra? Irrid infisser, ghandek xi provi lil min gew indirizzati dawk l-ittri?

Wilfrid: Sur President, dawn l-ittri tathomli persuna bla ma qaltli minn hi. S'issa, ma kellix zmien nezamina il-kaz sewwa.. x'aktarx li dil-persuna giet f'dan il-pajjiz bhala spija.

Romaine: Int ma jirnexxilek qatt tkun taf minn hu....Qatt...Ma jimpurtanix x'isir minnhi...Int ma tkunx taf minn hu.

Pres. : Mr. Myers, trid taghmel xi mistoqsijiet ohra?

Myers : Sur President, inhossni mhawwad kif ser nibda il-mistoqsijiet tieghi mhabba x-xejra li ha il-process kaguni ta' dawk l-ittri li jpprezenta il-habib tieghi Sir Wilfrid Roberts....Mrs.Heilger milli tidher , int, mara ta' temperament nervuz... Ghal dan il-pajjiz, int mara frustiera u ghalhekk forsi ma tafx ir-responsabbilta' li ghandhek meta hadt il-gurament li tghid is-sewwa. Jekk int gejt intimidata biex tammetti hwejjeg li m'humiex minnhom... jekk dawk l-ittri, int ktibthom taht xi theddid, nitolbok li titkellem issa, kif ghadu l-waqt.

Romaine: Mehtieg, l-int tibqa' tittorturani bi kliemek? Dik l-ittra ktibta jien u issa mitolbok thalluni mmur.

Myers : Sur President, ix-xhud tinsab agitata hafna u ghalhekk nghidilkhom li ma tafx x'inhi tghid.

Pres: : Mr. Myers, rtit ilu, Sir Wilfrid, wissa lix-xhud li hija ghadha taht il-gurament u ghalhekk Mrs. Heilger taf liema responsabbilta' ghandha....Mrs. Heilger, nixtieq inwissik li f'dan il-pajjiż, il-piena ta' gurament falz, hija harxa hafna. M'ghandi ebda dubju, jekk jigi ippruvat l-int m'inthix tghid issewwa, il-Qorti m'iddumx ma tipprocedi kontra tighek...Bhal m'ghedtlhek, is-sentenza ta' gurament falz hija harxa....Ghall-issa, tista' tmur.

Hoss (Passi jidheghedu)

Sir Wilfrid, tista' tindir issa lil Gurati, jekk joghogbok.

Wilfrid: Grazzi, Sur President, sinjuri Gurati.... Meta l-verita' wiehed ma jistax jidhada, kollu zejjed li wiehed jipprova jahrab minna...M'hemmx ghalfejn li jien nipprova nasbhah l-impressjoni l-inthom hadtu meta smajtu l-grajja li qalilkhom l-istess imputat u meta b'ghajnejkhom stess rajtu l-attentat vili li sar biex quddiemkhom dan, jigi nkriminat. Inthom rajtu kif Romaine Heilger, il-mara ta' l-imputat, ippruvat tqarraq bikhom biex inthom tikkundannaw lil Leonard..

Music (slow burn) Fade Out.

BLACK OUT. Music (slow burn)

Fade In:

Registratur Leonard Vole, qum bilqiegfa....Sinjuri Gurati, qbiltu inthom fil-verdett taghkhom?

Prim Gurat : Iva, qbilna.

Reg: : Liema hu l-verdett taghkhom? Hati, Leonard Vole skond l-Att ta' l-Akkuża jew m'hux hati?

Prim Gurat : Le, m'hux hati, sinjur.

Hoss: ( Agha kbira ta' approvazjoni)

Purtier: Silenzju!... Silenzju!

Pres. : Leonard Vole, int gejt iddikjarat bla htija fid-delitt li sar fuq Miss Emily French, fl-14 ta' Ottubru li ghadda u ghalhekk int tinsab hieles u x'hin trid, tista' thalli din is-sala.

(Agha kbira ta' nies)

Purtier: Il-Qorti mitmum...Kullhadd johrog mis-sala, jekk joghogobkhom.

Mayhew : Nifrahlek, Leonard... nifrahlek...

Leonard: Grazzi, Mr. Mayhew, grazzi hafna...(Kommoss) M'ghandix kliem biex bieh nirringrazzjak....

Mayhew : Lil Sir Wilfrid ghandek tirringrazzja.... Hu biss ried ikun biex jehilsek.

Leonard: Iva... Sir Wilfrid, nisżik hajr minn qalbi.... Bhal ma qal Mr. Mayhew... Int biss riedt tkun biex tehlisni mill-bixla li kont fiehom...
...tu x'qal, John? Issa kollox ghadda, hab ib.

Wilfrid: Bixla?
Mayhew : Kellek xorti li hlista, Leonard.

Leonard: Sewwa qieghed tghid...kont mitluf.

Wilfrid: Li ma rnexxilix nwaqqa x-xhieda ta' dik il-mara.....

Leonard: Imma, Sir Wilfrid.... Tahseb li kien mehtieg tkellimha b'dak il-mod? Emmnuni, ma flahtx narаha sofri...Ghadni ma nistax nemmen kif setghet....

Wilfird: Mr. Vole, int m'inthix l-ewwel wiehed li ntlieft wara mara.... ~~mxlixxkmxajix~~ Int ghemejt tant warajha li ma ntbahtx li kienet qeghda tqarraq bik....Romaine ghamlet kemm setghet biex iddawwarlek il-habel m'g nqok.

Mayhew : Leonard, dan, m'ghandek tinsieh qatt.

Leonard: Le, le, m'inhix sejjer ninsa...imma bhal m'ghedtilkhom, ghadni ma nistax nifhem ghaliex ghamlitli hekk...Jien kont nahlef li kienet thobbni waqt li hi kienet qeghda tistudja kif tehles minni....Haga li ma titqemminx...Inhossni miblugh...

Warder : Ahfruli, sinjuri....Mr. Vole, tliet minuti ohra, nghadduk mill-bieb tal-genb u nohorguk bil-karrozza.

Leonard: Hemm xejn nies jistennewni?

Warder : Hafna, hafna, Mr. Vole. Fade Out

Fade In: Hoss: (Jinstama' l-agha tan-nies)

Pulizija Madame, ahjar ma tohrogx ghall-issa....Il-folla mixghula kontra tighek....Isma minni.... halli l-folla tinfirex, imbagħad tkun tista' tohrog bla ma jkellmek hadd.

Romaine: Grazzi...iva, nistenna ftit iehor.

Hoss: (Passi resqin)

Leonard!...

Wilfrid: Hallina, Mrs. Heilger, hallina nghaddu.

Romaine: Kif??? Trid tbieghed lil Leonard minnhi? Dan, m'ghandekx ghalfejn tahmlu.

Wilfrid: M'ghandix ghalfejn? Forsi m'ghamiltlux deni bizzejjed?

Romaine: Allura, ma nistax nifrah lil Leonard li jinsab hieles minn dik l-akkuza?

Wilfrid: Hallina, Mrs. Heilger.... Leonard ma jinsabx hieles bis-sahha tighek....

Romaine: Qeghda nifhmek... Leonard , issa, jinsab sinjur u allura...

Leonard: Sinjur?

Mayhew : Bla dubju, Leonard... int, issa, ser tired somma sabiha.

Leonard: Wara dak li ghadda minghalija, il-flus m'ifissru xejn ghalija.. Romaine, tista' tghidli kif wasalt biex....

Romaine: Leonard...int ghadek ma tistax tifhem...

Wilfrid: Sgur li ma jistax jifhem.

Romaine: Ghiduli.... dak il-kliem li qalli l-President...ifisser li jiena sejra l-habs?

Wilfrid: X'jidhirlek? Int sejra tigi mixlija li tadt gurament falz.. Mrs. Heilger, nista' nghidlek li l-habs ma tehlisx minnu.

Leonard : (Ironiku) Thabbilx rashek, Romain, Biz-zmien Kollox jissewwa.

Mayhew : Mr. Vole, Kemm ser iddum ghajnejk maghluqa? ghadek ma fhimtx? L-ewwel haga li ghandek taghmel tara l-kopja tat-testment.

( Mayhew jaqbad lil Leonard u jiehdu fil gemb waqt li jibda jkellmu bil-mod. Wilfrid u Romaine jibgghu iharsu lejn xulxin)

Wilfrid : Miss Heilger, mill-ewwel darba li rajthek, indunajt li int mara ta' min jibza minnhek u ghalekk jien, qaghadtlhek attent hafna biex ma nhallikx tirbahni.... lil Leonard hlistu ... ghalkemm int ghamilt kemm flaht biex tarah imghallaq....... imma jien irbahthek.

Romaine : Int, irbaht lili ?

Wilfrid : Nittama li ma tibzax tghid l-int ghamilt hilthek kollha biex teqred lil Leonard Vole.

Romaine : Tahseb li kienu jemmnuni, kieku ghedtilhom li dák inhar, Leonard kien mighi id-dar u li ma regax hareg ?

Wilfrid : Ghaliex le ?

Romaine : Ghaliex kienu jghidu bejnhom u bejn ruhhom: din il mara thobbu lil dan ir-ragel - hija lesta biex tghid u taghmel kollox ghalieh ... kienet forsi tigihom hniena minni..... forsi kienu ihossu ghal kliemi, izda ma kienu qatt jemmnuni.

Wilfrid : Li ghedt il verita' kienu jemmnuk.

Romaine : Nibza li kienu jaghmlu bil maqlub..... jiena ma ridt minnhom ebda hniena...... ridthom biss jobmghduni... jintebhu u ikunu sguri li kont qegheda nghid kliem b'iehor, imbaghad, meta nqbadt li kont qegheda inqarraq bihom, allura hasbu li Leonard kien qal il verita'..... jien dak li riedt.... riedthom jemmnu lilu u mhux lili.... Issa taf li storja kollha.... trid dbusni, Mister ?

Wilfrid : ( Miblugh) Alla tieghi!

Romaine : Iva, il mara li taghtek dawk l-ittri...... dawk l-ittri ktiebthom jien.... (Twarrab xahra min fuq widnejha) Hekku, il gerha li urejtek dak inhar...... gharaftni issa? Le, le mhux il hila tieghek kienet li helset lil Leonard, imma kont jien, u ghal dak li ghamilt, x'aktarx li ser immur il habs....... (Taghlaq ghajnejha) Izda xi darba, meta jghaddi kollox, jien u Leonard nergghu niltaqaw fliemkien...u ma ninfirdu qatt izjed.

Wilfrid : Ghaliex ma fdajtx fijja?.....jien xorta kont nehilsu.

Romaine : Ma stajtx navda fik..... Int ~~stess fhimt~~ kont taħseb li Leonard kien bla htijja.

Wilfrid : U int kont sgura li kien bla htijja. Mhux hekk ghandi nifhem?

Romaine : Ghadek ma fhimtx xejn, Sir Wilfrid. Jien kont naf li kien hati.

Wilfrid : Kif ? u ma tibzax ?

Romaine : Nibza,? Mniex?

Wilfrid : li tghix ma bniedem qattiel.

Romaine : Int ma tistax tifimni, Sir Wilfrid......Jien u Leonard ninhabbu

Wilfrid : Mill-ewwel darba li rajthek, ghedt f'qalbi li int mara qalbiena u issa qed nara kemm kelli ragun. (Johrog)

Warder : (Min gewwa) Ghalxejn diehla hemm gew, Miss...... Spicca kollox.

Leonard: Cahlfejn qegheda tibża, Romaine... Hax m'hux sejjer ma jaqbiex ghalik.

Romaine: Leonard!

Wilfrid: Mrs. Heilger, mill-ewwel darba li rajthek, rajt l-int mara ta' min jibża minnhek u ghalhekk qaghadtlhek attent hafna li ma nhall ikx tirbahni...Int ghamilt kemm stajt biex lil klient tighi twasslu fuq il-forka, imma jien.... jien irbahthek.

Romaine: Int, irbaht lili?

Wilfrid: Nittama li issa ma tibżax tghid li ghamilt hilthek biex teqred lil Leonard Vole.

Romaine: Sir Wilfrid... Tahseb li l-Gurati kienu ser jemmnuni kieku ghedtilhom li dak inhar Leonard kien mighi d-dar?

Wilfrid: Ghaliex le?

Romaine: Ghaliex kienu jghidu, bejnhom u bejn ruhhom, Ghaliex, lesta taghmel kollox...Huma kienu jhossu ghal kliemi imma m'hux li jemmnuni..

Wilfrid: Kieku int ghedt il-verita', kienu jemmnuk.

Romaine: Nibża li kienu jaghmlu bil-maqlub...Jiena ma riedtx minnhom, ebda simpatija...Jiena ridthom jistmerruni...riedthom ikunu sguri li jiena kont qegheda nghid kliem b'ishor, imbaghad, meta jiena nqbadt li kont qed ingerraq bikhom...allura huma hasbu li Leonard kien qal il-verita'...Jien dak li riedt... riedt li jemmnu lilu u m'hux lili...Issa tafu l-istorja kollha Leonard, ersaq lejja.... hallini nbusek.

Wilfrid: Imma kif jista' jkun? Possibbli li ghandhek wiċċek tost daqshekk?

Romaine: Le... sejjer ingerraq... M'inhix wiċċi tost...Prova ta' dak li qegheda nghidlek hija l-gerha li urejthek dak inhar.... Hekku... Qieghed tarafni, issa? Dik il-mara li giet dbeghelek dawk l-ittrà, kont jien....Dawk l-ittri ktibthom jien stess...Le, le... m'hux il-hila tighek kienet li helset lil Leonard, imma hilthi...u issa, ghal dak li ghamilt, x'aktarx li ser immur il-habs...Tibżax... meta inkun hielsa mill-gdid, allura jiena u Leonard nergghu nghixu hinjin.... flimkien... fil-hena... ma ninfirdu qatt iżjed.

Wilfrid: Mrs. Heilger, ghaliex ma fdajtx fija? Jiena xorta kont nehilsu...

Romaine: Ma stajtx nafda fik....Int stess, emmint li hu kien bla htija.

Wilfrid: U int? Int ma kontx taf li ma kienx hati?

Romaine: Possibbli li ghadek ma fhimtx? Jien kont naf li hu hati.... Lil Miss Emily French, int qtiltha, Leonard... Ghidilhom... ghidilhom il-verita'.

Leonard: Iskot, Romaine.

Wilfrid: U int, ma tibżax?

Romaine: M'niex ghandhi nibża?

Wilfrid: Li tghix ma bniedem qattiel.

Romaine: Ghandek ragun... int ma tistax tifhem... Jiena u Leonard ninhabbu.

(Tidhol xbejba, tidher li ghada zaghzugha, tigri lejn Leonard u thaddnu maghha)

Xbejba : Len, int hieles.... hieles mil gdid..... ma hallewnix nidhol ...... zammewni hemm barra..... xwahdadin iggennint.

Romaine : (Serja hafna) Leonard.... Min - hi - dit-tfajla ?

Xbejba : (Bi sfida lil Romaine) Jien it-tfajla tieghu....... fuqhek jien naf kollox..... Int ghamilt min kollox biex tehles minnu, imma dan ma rnexxilhekx.... int mintix ma....imma hallina min dan .... issa jien u Leonard nidbeghedu min hawn u flimkien..........

Romaine : Leonard..... Tassew dan?.... Veru li din it-tfajla il mahbuba tieghek?

Leonard : (Jahsiba, imbaghad jiddeciedi li jghid il verita') Iva... ninhabbu.

Romaine : Wara dak kollu li ghamilt ghalik...... Xtista tghamel din li jitqies ma dak li ghamilt jien?

Leonard : (Jibdel il manjeri tieghu ghal kollox u isir inkrepativ fi kliemu u wkoll f-ghemilu.) Ingenwa aktar minnek u ghalija dan importanti hafna. (Jidhaq)

Romaine : (Tersaq pass l-ura bhal wahda miblugha)

Leonard : (Jersaq lejha u jkellimha b-disprezz)Issa ghandi flus kemm irrid....ninsab hieles u ma nistax nerga nigi mixli, ghalekk jaqbillhek hafna li taghlaq halqhek u ma titkellem xejn jekk le int biss li tista tkun mixlija bhala komplici fil qtil ta miss Emily French...... dnub narak sejra titghallaq. (Idur lejn it-tfajla u ihaddanha mieghu)

Romaine : ( Li s-issa bil mod il mod tkun ghodda waslet hdejn il mejda fejn fuqha tkun esibita is-sikkina, terfa rasha il fuq b-dinjita' kbira) Le, dan ma nhalliehx isir. Jien ma nkunx mixlija bhala komplici fil qtil ta' miss Emily French, l-anqas fuq il gurament li hadt biex insalva lilek. Inkun mixlija bhala qattiela.....( Tiehu is-sikkina min fuq il mejda xhin tkun qegheda tghid l-ahhar kliem u ma l-ahhar kelma "qattiela" toqtlu. ~~XXXXXXX~~ Qattiela ta' l-uniku ragel li ~~jiena~~ qatt habbejt.

Leonard ; (Jaqa fl-art mejjet)

Xbejba : (Twerzaq)

Mayhew ; (Jitbaxxa fuq Leonard imisslu il polz u icaqlaq rasu.)

Romaine : (Thares il fuq lejn il post tal President u b-lehen gholi:)

Jiena hatja, Sur President.

Muzika. Purtiera malajr.

Wilfrid: L-ewwel darba li rajthek, kont ghedt f'qalbi: "Din mara qalbiena" u issa qed nara li kelli ragun.

Romaine: Leonard, ftit iehor, jien nigi arrestata...Weghedni li ma tinsinhix...Jiena sejra il-habs ghalik.

Leonard: Romaine, hadd m'hu sejjer jgeghalni nemmen kliemek...Int mara qarrieqa....

Romaine: Leonard... dak li ghamilt u dak li ghedt, ghamiltu biex nehilsek minn dik l-akkuża li kellek kontra tighek...Ghalik, jien laghabt il-liberta' tighi.

Leonard: Romaine, terraqx lejja....Jien m'irridx naf bik iżjed... Din l-ahhar darba li qeghedna tarani... ghada stess nidbieghed minn hawn....

Romaine: Leonard... Nahliflek li dak li ghamilt, ghamiltu ghalik.... jiena dejjem habbejtek...Dak li ghedt fil-Qorti ma kienx minnu...Jiena riedt narak hieles... riedt narak terga' l-ura ghal ghandi biex nighi tghix fil-hena u fl-imhabba.

Leonard: (B'disprezz) Mara qarrieqa!..

Wilfrid: Leonard... Possibbli li ghadek ma fhimtx is-sagrificċju li ghamilt ghalik?

Leonard: Le...Nitlobkom li ma tghiduli xejn iżjed... issa, li ninsab hieles, irrid nghix il-hajja li kont nehlom bieha...Il-boghod minn hawn...il-boghod minnhek, inkun nista' nghix il-hajja tal-liberta'... tad-divertiment.

Romaine: Leonard.. dan, int, ma tistax taghmlu... int ghandek lili.. jiena nhobbok u issagrifikajt hajti ghalik.

Leonard: Mur... dbieghed minni.... m'irridx naf bik iżjed...li kien ghalik wasaltni fuq il-forka.

Romaine: Leonard, taf m'inti tghid?...Taf li sejjer iggenninni?

Leonard: Ghedtlek mur... dbieghed... Mâirridx niena lehnek iżjed... Dak il-kliem li ghedt fix-xhieda tighek ghadu jidwi f'widnejja.. Ma nisthix nghid, meta nkun naf l-int qegheda il-habs...jiena nifrah...nifrah, Romaine, ghaliex narak qeghedna thallas ghemilhek.

Romaine: (B'Lehen gholi) Leonard... Ghidli li qieghed tiċċajta... Ghidli li m'hux tassew li sejjer tidbieghed minnhi.... Int thobbni...int ma tridx tinfired minnhi.

Leonard: Jiena noboghodok...Jien ma narakx iżjed...f'qalbi m'ghadx hemm post ghalik.

Romaine: Leonard!...

Leonard: Mara vili!... Mur minn quddiemi... dbieghed....

Romaine: Leonard, nahliflek li nhobbok....

Leonard: Iskot!.. Ftit ilu ukoll hlieft li tghid il-verita'... Tghid xi tghid jiena ma nemmnekx... Sir Wilfrid...

Romaine: Leonard!..

Leonard: Issa, jiena sinjur...nista' nghix hieni bâå ma hadd ifixkilni. Il-boghod minn hawn, inkun fil-hena ta' hajti.

Romaine: Le... int ma tidbieghedx minn hawn.

Leoendr: Min sejjer iżommni?

Romaine: . Jien...B'din l-arma.....

Hoss:( Speratura)

Leonard: (B'karba twila) Aaaagh!.... Ma..ra... mis...hu...ta....

Wulfrid: X'ghamilt, Romaine?..X'ghamilt B'idejk?

May ew : X'wahdadin!... Leonard!.....

Romaine: Kejjet!...Jiena ma stajtx narah jidbiegħed u jinfired minnhi... Jiena habbejtu u laghabt hajti ghalieh.... Issa ghell-inqas ma nigix mixlija b'gurament falz, imma bil-qtil ta' dak li ftit ilu issagrifikajt ruhi ghalieh... (B'rifiessjoni) Leonard.... il-bniedem wahdani li qatt habbejt f'ghomri.

Muzika Qawwija: (Terror by Night)...........